Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża
Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2025/0172(COD)

28.10.2025

EMENDI
1 - 236

Abbozz ta' rapport
Lucia Yar, Henrik Dahl
Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċellerazzjoni tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża

Proposta għal regolament
(COM(2025)0821 – 2025/0172(COD))

Emenda 1
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 2
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2]***, marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa***. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar ***b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna***, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2]. ***Diġà llum, l-Istati Membri tal-UE huma fil-mira tal-gwerra ibrida u l-istrateġiji ta' destabbilizzazzjoni tar-Russja. Dawn jinkludu kampanji ta' diżinformazzjoni, attakki ċibernetiċi, indħil politiku, pressjoni ekonomika, u attivitajiet ta' intelligence. Barra minn hekk, ir-Russja ripetutament wettqet vjolazzjoni tal-ispazju tal-ajru tal-UE/tan-NATO, attakk dirett fuq is-sovranità u s-sigurtà tal-UE u taċl-Istati Membri tagħha***. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha ***u r-reżiljenza tas-soċjetà kollha kemm hi***. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard

armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19 ta' Marzu 2025

mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. ***Mingħajr riformi strutturali, din iż-żieda fl-infiq mhux se twassal għal żieda fil-kapaċitajiet. B'mod partikolari, l-użu tad-dejn mutwalizzat permezz ta' SAFE huwa problematiku ħafna, peress li jimmina fundamentalment is-sovranità tal-Istati Membri u jmur kontra l-prinċipji tad-dixxiplina baġitarja bażika.*** Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni ***u li tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq tad-difiża Ewropew***, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża ***bil-għan li tistabbilixxi suq uniku ġenwin għall-prodotti u s-servizzi tad-difiża,*** biex joperaw, iwettqu innovazzjonijiet, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża. ***Fl-istess ħin, irid isir avvanz f'qafas uniformi għall-istandardizzazzjoni, sabiex tiġi promossa l-interoperabbiltà u jitnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd tas-sistemi ta' armi użati.***

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19 ta' Marzu 2025

Or. de

Emenda 3
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. ***Jeħtiġilna nistabbilixxu suq uniku għat-tagħmir ta' difiża abbażi tal-prinċipju gwida li t-tagħmir militari ċċertifikat f'pajjiż wieħed huwa awtomatikament rikonoxxut fi Stati Membri oħra. Minbarra dan, kontrolli tal-esportazzjoni tal-armi armonizzati fil-livell Ewropew se jsaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tagħna.*** Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali***. Dan se joħloq effetti ta' sinerġija u jaqta' l-kostijiet għall-kontribwenti Ewropej***. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża. ***Il-prinċipju tal-preferenza Ewropea jrid japplika fis-suq intern. L-***

Unjoni Ewropea jeħtiġilha tkun kapaċi tiddefendi lilha nnifisha waħedha. L-industrija tad-difiża għalhekk teħtieġ li titħalla tipproduċi f'konformità mal-prinċipju biex "Jinxtraw Prodotti Ewropej". B'mod partikolari, l-akkwist pubbliku jrid jagħti prijorità lill-forniturі Ewropej.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 4
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv.	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha ***filwaqt li tirrispetta l-valuri u l-prinċipji demokratiċi tal-Unjoni***. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li

Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv ***filwaqt li tiżgura l-parteċipazzjoni ġusta tal-operaturi ekonomiċi kollha tal-Istati Membri, inklużi l-SMEs, u f'konformità sħiħa ma' standards soċjali, tax-xogħol, tas-sikurezza u ambjentali tal-Unjoni u nazzjonali***. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali ***b'mod li jtejjeb l-effiċjenza, it-trasparenza u l-akkontabbiltà mingħajr ma jdgħajjef is-sorveljanza pubblika, u l-istandards tas-sikurezza, soċjali, tax-xogħol u ambjentali tal-Unjoni u nazzjonali***. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 5
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza

biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. ***Dan huwa l-każ b'mod speċjali għall-għeluq tad-disa' nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità, b'mod partikolari s-sett ta' erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali, kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030.*** Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. ***Fl-istess waqt, din tippreżenta opportunità biex il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB, European Defence Technological and Industrial Base) tiġi integrata fis-suq uniku billi tiġi sfruttata s-saħħa ta' atturi tat-teknoloġija tad-difiża emerġenti kompetittivi, innovattivi u diversi.*** Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 6
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża. ***L-isforzi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu segwiti f'komplementarjetà sħiħa mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO, North Atlantic Treaty Organization), li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva u l-garanti primarju tas-sigurtà tal-Istati Membri tagħha, filwaqt li jiġi żgurat li l-azzjoni tal-Unjoni ma tiddupplikax il-proċeduri jew l-istrutturi tan-NATO iżda ssaħħaħ ir-reżiljenza Ewro-Atlantika ġenerali.***

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 7
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa ***u ma' pożizzjonament tas-sigurtà trans-Atlantika li qed jevolvi; għalhekk, l-Unjoni jeħtiġilha ssaħħaħ l-awtonomija u r-reżiljenza strateġiċi tagħha***. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha***, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet identifikati f'rapporti ta' livell għoli minn Mario Draghi, Sauli Niinistö u Enrico Letta***. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak

prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 8
Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa ***essenzjali*** li ***l-Unjoni tieħu*** azzjoni deċiżiva biex ***issaħħaħ il-prontezza*** tad-difiża ***tagħha***. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li ***l-Ewropa jkollha*** pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Barra minn hekk, abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li ***tippermettilha***	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa ***meħtieġ*** li ***l-Istati Membri tal-Unjoni jieħdu*** azzjoni deċiżiva biex ***isaħħu l-prontezza*** tad-difiża ***tagħhom***. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li ***l-Istati Membri jkollhom*** pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Barra minn hekk, abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-

tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

difiża ***tal-Istati Membri*** tal-Unjoni, li ***tippermettilhom jirreaġixxu*** għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, jinnovaw, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, id-19 ta' Marzu 2025.

Or. es

Emenda 9
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida ***militari Russa*** akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030[2], marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal din l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-prontezza tad-difiża tagħha. Hemm sens ta' urġenza biex tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha pożizzjonament tad-difiża Ewropea b'saħħtu u suffiċjenti sa mhux aktar tard mill-2030. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali tal-istrumenti proposti skont il-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas it-EUR 800 biljun matul l-4 snin

li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, iwettqu innovazzjonijiet, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19 ta' Marzu 2025.

li ġejjin. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża tal-Unjoni, li tippermettilha tirreaġixxi għat-theddid emerġenti għas-sigurtà ***u għaż-żieda fid-domanda*** b'mod effettiv. Sabiex jinkiseb dak l-għan, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża biex joperaw, iwettqu innovazzjonijiet, u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa ħalli jiżguraw l-prontezza Ewropea fir-rigward tas-sigurtà u d-difiża.

[2] Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, JOIN(2025) 120 final, 19 ta' Marzu 2025.

Or. fi

Emenda 10
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) F'dan il-kuntest, il-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri li jantiċipaw u jipprevjenu kriżijiet relatati mad-difiża u jirreaġixxu għalihom, kif imsemmi fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] permezz ta' approċċ proattiv u kkoordinat. Dan jinkludi l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-kapaċità industrijali tad-difiża meħtieġa biex jinkisbu u jinżammu r-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-infrastruttura meħtieġa bl-għan li jkun hemm rispons effettiv għal kriżijiet bħal dawn.	(2) F'dan il-kuntest, il-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri li jantiċipaw u jipprevjenu kriżijiet relatati mad-difiża u jirreaġixxu għalihom, kif imsemmi fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] permezz ta' approċċ proattiv u kkoordinat. Dan jinkludi l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-kapaċità industrijali tad-difiża meħtieġa biex jinkisbu u jinżammu r-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-infrastruttura meħtieġa bl-għan li jkun hemm rispons effettiv għal kriżijiet bħal dawn. ***Barra minn hekk, il-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tinkludi t-tishih tar-reżiljenza tas-soċjetà kollha***

kontra t-theddid ibridu, il-kampanji ta' dižinformazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u forom oħra ta' influwenza mhux militari, sabiex tiġi ssalvagwardjata b'mod komprensiv il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi żminijiet ta' kriżi.

[3] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ilkoordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

[3] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ilkoordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

Or. de

Emenda 11
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) F'dan il-kuntest, il-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri li jantiċipaw u jipprevjenu kriżijiet relatati mad-difiża u jirreaġixxu għalihom, kif imsemmi fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] permezz ta' approċċ proattiv u kkoordinat. Dan jinkludi l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-kapaċità industrijali tad-difiża meħtieġa biex jinkisbu u jinżammu r-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-infrastruttura meħtieġa bl-għan li jkun hemm rispons effettiv għal kriżijiet bħal dawn.	(2) F'dan il-kuntest, il-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri li jantiċipaw u jipprevjenu kriżijiet relatati mad-difiża u jirreaġixxu għalihom, kif imsemmi fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] permezz ta' approċċ proattiv u kkoordinat. Dan jinkludi l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-kapaċità industrijali tad-difiża meħtieġa biex jinkisbu u jinżammu r-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-infrastruttura meħtieġa bl-għan li jkun hemm rispons effettiv għal kriżijiet bħal dawn***, f'koerenza mal-istandards, ir-rekwiżiti u l-objettivi tal-kapaċità stabbiliti fi ħdan l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku***

tat-Tramuntana (NATO).

[3] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

[3] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

Or. en

Emenda 12
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) F'dan il-kuntest, il-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri li jantiċipaw u jipprevjenu kriżijiet relatati ***mad-difiża*** u jirreaġixxu għalihom***, kif imsemmi fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3]*** permezz ta' approċċ proattiv u kkoordinat***. Dan jinkludi*** l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-kapaċità industrijali tad-difiża meħtieġa biex jinkisbu u jinżammu r-riżorsi***, il-kapaċitajiet u l-infrastruttura*** meħtieġa bl-għan li jkun hemm rispons effettiv għal kriżijiet bħal dawn.	(2) F'dan il-kuntest, il-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri li jantiċipaw u jipprevjenu kriżijiet ***tal-provvista*** relatati ***mas-sigurtà skont l-Artikolu 48 tar-Regolament dwar il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP, European Defence Industry Programme)*** u jirreaġixxu għalihom***,*** permezz ta' approċċ proattiv u kkoordinat***, li jiżgura d-disponibbiltà*** tal-kapaċità industrijali tad-difiża meħtieġa biex jinkisbu u jinżammu r-riżorsi ***u l-kapaċitajiet militari*** meħtieġa bl-għan li jkun hemm rispons effettiv għal kriżijiet bħal dawn.

[3] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn

awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

Or. en

Emenda 13
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal proġetti li jikkontribwixxu għall-prontezza tad-difiża tal-UE u jimxi mar-regoli li jirregolaw is-suq intern biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.

Or. en

Emenda 14
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-istabbiliment jew l-estensjoni ta' faċilitajiet, infrastruttura u t-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-prontezza tad-difiża spiss jirrikjedu applikazzjoni għal diversi permessi u approvazzjonijiet rilevanti. Il-proċessi eżistenti tal-għoti tal-permessi għall-valutazzjonijiet f'diversi oqsma spiss ikunu twal u kkumplikati. Attwalment, f'dawk il-proċeduri ma hemmx dispożizzjonijiet għall-Unjoni kollha fil-każ tal-proċessi rapidi speċifiċi għall-	(3) L-istabbiliment jew l-estensjoni ta' faċilitajiet, infrastruttura u t-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-prontezza tad-difiża spiss jirrikjedu applikazzjoni għal diversi permessi u approvazzjonijiet rilevanti. Il-proċessi eżistenti tal-għoti tal-permessi għall-valutazzjonijiet f'diversi oqsma spiss ikunu twal u kkumplikati. ***Attwalment, l-SMEs huma affettwati b'mod sproporzjonat, b'konsegwenzi negattivi għall-katina tal-valur kollha.*** Attwalment,

attivitajiet tal-prontezza tad-difiża, u dan jimpedixxi ż-żieda fil-produzzjoni tad-difiża u l-infrastruttura relatata f'waqtha, u l-attivitajiet tal-prontezza tad-difiża u l-investimenti li huma kruċjali biex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti tas-sigurtà.	f'dawk il-proċeduri ma hemmx dispożizzjonijiet għall-Unjoni kollha fil-każ tal-proċessi rapidi speċifiċi għall-attivitajiet tal-prontezza tad-difiża, u dan jimpedixxi ż-żieda fil-produzzjoni tad-difiża u l-infrastruttura relatata f'waqtha, u l-attivitajiet tal-prontezza tad-difiża u l-investimenti li huma kruċjali biex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti tas-sigurtà.
	Or. de

Emenda 15
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-istabbiliment jew l-estensjoni ta' ***faċilitajiet, infrastruttura u t-twettiq ta'*** attivitajiet relatati ***mal-prontezza*** tad-difiża spiss ***jirrikjedu*** applikazzjoni għal diversi permessi u approvazzjonijiet rilevanti. Il-proċessi eżistenti tal-għoti tal-permessi għall-valutazzjonijiet f'diversi oqsma ***spiss ikunu*** twal u kkumplikati. Attwalment, ***f'dawk*** il-proċeduri ma ***hemmx*** dispożizzjonijiet għall-Unjoni kollha fil-każ tal-proċessi rapidi speċifiċi għall-attivitajiet tal-prontezza tad-difiża, u dan jimpedixxi ż-żieda ***fil-produzzjoni tad-difiża u l-infrastruttura relatata f'waqtha, u l-attivitajiet tal-prontezza tad-difiża u l-investimenti*** li huma kruċjali biex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti tas-sigurtà.	(3) L-istabbiliment jew l-estensjoni ta' attivitajiet ***ta' manifattura*** relatati ***ma' prodotti*** tad-difiża spiss ***tirrikjedi*** applikazzjoni għal diversi permessi u approvazzjonijiet rilevanti. Il-proċessi eżistenti tal-għoti tal-permessi għall-valutazzjonijiet f'diversi oqsma ***jistgħu jkunu*** twal u kkumplikati***, b'mod speċjali għal kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u SMEs innovattivi b'kapaċità limitata***. Attwalment, ***dawk*** il-proċeduri ***ma jippreżentawx*** dispożizzjonijiet għall-Unjoni kollha fil-każ tal-proċessi rapidi speċifiċi għall-attivitajiet tal-prontezza tad-difiża, u dan jimpedixxi ż-żieda ***ta' prodotti relatati mad-difiża*** li huma kruċjali biex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti tas-sigurtà ***f'waqthom***.
	Or. en

Emenda 16
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Sabiex ikun permess proċess aktar rapidu għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li huma ta' natura kritika b'mod partikolari għall-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jħaffu l-proċeduri għal "proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi". Tali proġetti jirreferu għal sett limitat ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża fil-qasam tal-manifattura li qed jikkontribwixxu direttament għat-twettiq f'waqtu tal-erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali, kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030. Tali proġetti huma ta' natura pan-Ewropea, jiġifieri l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tal-Ajru Ewropea u t-Tarka Spazjali Ewropea. Tali proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi se jieqfu jkunu kategorija separata ladarba dawk in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità jkunu ngħalqu f'konformità mal-proċedura deskritta fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal lista ta' proġetti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali permezz ta' Att Delegat qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi.

Or. en

Emenda 17
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(3a) Is-settur tad-difiża huwa intrinsikament intensiv fl-enerġija u jopera f'kundizzjonijiet li jvarjaw sostanzjalment minn dawk tal-industriji ċivili. Il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-enerġija, imfassla fil-biċċa l-kbira tagħha matul żmien ta' paċi, ma tirriflettix biżżejjed l-urġenza eċċezzjonali u r-rekwiżiti operazzjonali involuti fiż-żamma u t-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża tal-Ewropa. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi fis-settur tad-difiża fl-Unjoni jiffaċċjaw pożijiet regolatorji u ekonomiċi konsiderevoli, u dan jillimita l-kapaċità tagħhom li jirrispondu malajr għall-isfidi tas-sigurtà u jpoġġihom fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' kontropartijiet internazzjonali li ma humiex soġġetti għal restrizzjonijiet ekwivalenti.
	Or. en

Emenda 18
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu sikuri, siguri u konformi mar-rekwiżiti ambjentali u soċjali, u ma' rekwiżiti oħra tas-sikurezza. Il-liġi ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-kontenut tal-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tippermetti l-isfruttament sostenibbli tal-potenzjal tal-Unjoni tul il-katina tal-valur tal-materja prima.	(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu sikuri, siguri u konformi mar-rekwiżiti ambjentali u soċjali, u ma' rekwiżiti oħra tas-sikurezza. Il-liġi ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-kontenut tal-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tippermetti l-isfruttament sostenibbli tal-potenzjal tal-Unjoni tul il-katina tal-valur tal-materja prima. ***Fid-dawl tas-sitwazzjoni akuta ta' theddid minħabba l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja fl-Ukrajna kif ukoll l-aggressjoni ibrida mir-Russja kontra l-Istati Membri***

tal-UE, jenħtieġ li jiġi evalwat sa liema punt ċerti regolamenti ambjentali għall-investimenti fil-qasam tad-difiża jistgħu jiġu sospiżi jew adattati temporanjament sabiex tiġi żgurata l-konsenja rapida ta' kapaċitajiet u tagħmir kritiċi.

Or. de

Emenda 19
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża ***jkunu sikuri, siguri u konformi mar-rekwiżiti*** ambjentali ***u*** soċjali, ***u ma' rekwiżiti oħra*** tas-sikurezza. ***Il-liġi*** ambjentali tal-Unjoni ***tistabbilixxi kundizzjonijiet*** komuni ***għall-kontenut tal-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi, u b'hekk tiżgura*** livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tippermetti ***l-isfruttament*** sostenibbli ***tal-potenzjal tal-Unjoni tul il-katina tal-valur*** tal-materja prima.	(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi ***għandu rwol ewlieni biex*** jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża ***jitwettqu b'mod sikur, sigur u f'konformità sħiħa ma' rekwiżiti*** ambjentali***,*** soċjali ***u*** tas-sikurezza ***Il-leġiżlazzjoni*** ambjentali tal-Unjoni ***tipprevedi qafas*** komuni ***li jikkontribwixxi biex jinżamm*** livell għoli ta' ħarsien ambjentali ***madwar l-Istati Membri. Madankollu, l-implimentazzjoni tiegħu jenħtieġ li tibqa' proporzjonata u flessibbli,*** u tippermetti ***lill-Istati Membri jadattaw il-proċeduri għall-karatteristiċi speċifiċi u l-urġenza tal-attivitajiet relatati mad-difiża. Dan l-approċċ ikun jippermetti l-iżvilupp*** sostenibbli ***u responsabbli tal-kapaċitajiet industrijali u*** tal-materja prima ***tad-difiża tal-Ewropa, filwaqt li jevita dewmien amministrattiv bla bżonn li jista' jfixkel il-preparatezza tas-sigurtà.***

Or. en

Emenda 20
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu sikuri, siguri u konformi mar-rekwiżiti ambjentali u soċjali, u ma' rekwiżiti oħra tas-sikurezza. ***Il-liġi ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-kontenut tal-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tippermetti l-isfruttament sostenibbli tal-potenzjal tal-Unjoni tul il-katina tal-valur tal-materja prima.***	(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu sikuri, siguri u konformi mar-rekwiżiti ambjentali u soċjali, u ma' rekwiżiti oħra tas-sikurezza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din it-taqsima tenfasizza żżejjed l-oqfsa ambjentali u tista' tiġi ssimplifikata biex issemmi biss li "l-proġetti għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni applikabbli".

Emenda 21
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu sikuri, siguri u konformi mar-rekwiżiti ambjentali ***u*** soċjali, u ma' rekwiżiti oħra tas-sikurezza. Il-liġi ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-kontenut tal-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tippermetti ***l-isfruttament sostenibbli tal-potenzjal tal-Unjoni tul il-katina*** tal-valur tal-materja prima.	(4) Il-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi jiżgura li l-proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu sikuri, siguri u konformi ***bis-sħiħ*** mar-rekwiżiti ambjentali***,*** soċjali, ***tax-xogħol*** u ma' rekwiżiti oħra tas-sikurezza ***matul l-istadji kollha tal-proċess***. Il-liġi ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-kontenut tal-proċess nazzjonali tal-għoti tal-permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali***, responsabbiltà ambjentali*** u tippermetti ***katina*** tal-valur tal-materja prima ***sostenibbli f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari kif***

ukoll l-istandards soċjali, tax-xogħol u ambjentali tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 22
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex tiżgura li l-industrija tad-difiża tal-Ewropa tibqa' kompetittiva, reżiljenti u kapaċi tissodisfa l-ħtiġijiet urġenti tas-sigurtà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi aġġustamenti mmirati għall-qafas rilevanti tal-Unjoni. Tali aġġustamenti jistgħu jinkludu eżenzjonijiet proporzjonati, mekkaniżmi ta' implimentazzjoni flessibbli, u politiki tal-enerġija adattati speċifikament għas-settur tad-difiża, filwaqt li jinżammu l-objettivi ambjentali u klimatiċi ġenerali tal-Unjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jkollhom l-għan li jilħqu bilanċ ġust bejn il-ħtiġijiet strateġiċi tad-difiża u l-impenn tal-Unjoni favur is-sostenibbiltà, filwaqt li jiġi żgurat li r-rekwiżiti regolatorji ma jfixklux il-kapaċità tal-Ewropa li tissalvagwardja s-sigurtà u l-awtonomija strateġika tagħha.

Or. en

Emenda 23
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-flessibilizzazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi tmur kontra l-valutazzjonijiet tal-impatt tajbin u tikkompromettti l-istandards ambjentali u soċjali.

Or. en

Emenda 24
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, spiss, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu s-sigurtà tal-investiment meħtieġa għat-tisħiħ effettiv tal-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri. L-istruttura u t-tul ta' proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rilevanti jistgħu jvarjaw ħafna wkoll bejn l-Istati Membri. Għalhekk, biex tiġi żgurata u titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw proċessi tal-għoti tal-permessi simplifikati u prevedibbli għal proġetti tal-prontezza tad-difiża.	(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, spiss, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu s-sigurtà tal-investiment meħtieġa għat-tisħiħ effettiv tal-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri. L-istruttura u t-tul ta' proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rilevanti jistgħu jvarjaw ħafna wkoll bejn l-Istati Membri. Għalhekk, biex tiġi żgurata u titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw proċessi tal-għoti tal-permessi simplifikati u prevedibbli għal proġetti tal-prontezza tad-difiża ***f'konformità sħiħa ma' standards tas-saħħa, ambjentali, tas-sikurezza, soċjali u tax-xogħol tal-Unjoni u nazzjonali***. ***Is-simplifikazzjoni u l-aċċelerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-ekonomija lokali u jkunu f'konformità mal-objettivi tal-politiki tal-Unjoni dwar il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp reġjonali.***

Or. en

Emenda 25
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, ***spiss***, it-tul eċċessiv ***tal-proċessi*** nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu s-sigurtà ***tal-investiment meħtieġa għat-tisħiħ*** effettiv ***tal-prontezza*** tad-difiża tal-Istati Membri. L-istruttura u ***t-tul ta' proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rilevanti jistgħu jvarjaw ħafna wkoll bejn l-Istati Membri***. Għalhekk, biex ***tiġi żgurata u titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tagħhom,*** jenħtieġ li l-Istati Membri ***japplikaw proċessi tal-għoti tal-permessi simplifikati u prevedibbli għal*** proġetti ***tal-prontezza tad-difiża***.	(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, ***f'ħafna każijiet***, it-tul eċċessiv ***tal-proċeduri*** nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu ***ċ-ċertezza tal-investiment u*** s-sigurtà ***tal-ippjanar meħtieġa*** biex tissaħħaħ ***b'mod*** effettiv ***il-prontezza*** tad-difiża tal-Istati Membri. L-istruttura u ***d-durata ta' tali proċeduri jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli madwar l-Unjoni, u dan iwassal għal implimentazzjoni mhux uniformi u żvantaġġi kompetittivi***. Għalhekk, biex ***jitħaffef il-varar ta' proġetti industrijali tad-difiża strateġiċi,*** jenħtieġ li l-Istati Membri ***jittrattaw l-għoti tal-permessi tal-kostruzzjoni u ambjentali għal tali*** proġetti ***bħala kwistjoni ta' interess pubbliku prevalenti u prijorità tas-sigurtà nazzjonali, filwaqt li jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet jinħarġu malajr, b'mod trasparenti u mingħajr dewmien amministrattiv bla bżonn***.

Or. en

Emenda 26
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, ***spiss***, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu s-sigurtà tal-investiment meħtieġa għat-tisħiħ effettiv tal-prontezza	(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, ***xi kultant***, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu s-sigurtà tal-investiment meħtieġa għat-tisħiħ effettiv

tad-difiża tal-Istati Membri. L-istruttura u t-tul ta' proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rilevanti jistgħu jvarjaw ħafna wkoll bejn l-Istati Membri. Għalhekk, biex tiġi żgurata u titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw proċessi tal-għoti tal-permessi simplifikati u prevedibbli għal proġetti tal-prontezza tad-difiża.	tal-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri***, u jippreżentaw ostakli sproporzjonati għal kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u SMEs innovattivi***. L-istruttura u t-tul ta' proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rilevanti jistgħu jvarjaw ħafna wkoll bejn l-Istati Membri. Għalhekk, biex tiġi żgurata u titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw proċessi tal-għoti tal-permessi simplifikati u prevedibbli għal proġetti tal-prontezza tad-difiża.
	Or. en

Emenda 27
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, spiss, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu s-sigurtà tal-investiment meħtieġa għat-tisħiħ effettiv tal-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri. L-istruttura u t-tul ta' proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rilevanti jistgħu jvarjaw ħafna wkoll bejn l-Istati Membri. Għalhekk, biex tiġi żgurata u titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw proċessi tal-għoti tal-permessi simplifikati u prevedibbli għal proġetti tal-prontezza tad-difiża.	(5) Fl-istess ħin, l-imprevedibbiltà, il-kumplessità u, spiss, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali tal-għoti tal-permessi jikkompromettu s-sigurtà tal-investiment meħtieġa għat-tisħiħ effettiv tal-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri. L-istruttura u t-tul ta' proċess tal-għoti tal-permessi għall-proġetti rilevanti jistgħu jvarjaw ħafna wkoll bejn l-Istati Membri. Għalhekk, biex tiġi żgurata u titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw proċessi tal-għoti tal-permessi simplifikati u prevedibbli għal proġetti tal-prontezza tad-difiża. ***L-għoti ta' privileġġ lil proġetti tad-difiża f'dawn il-proċeduri jista' jkompli jippromwovi dan.***
	Or. en

Emenda 28
Bart Groothuis, Jeannette Baljeu

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) F'dan ir-rigward huwa importanti li titqies il-kjarifika mill-Kummissjoni li l-Istati Membri jistgħu jużaw derogi eżistenti f'leġiżlazzjoni tal-Unjoni differenti pprovduti mill-kunċetti ta' "interess pubbliku prevalenti", "sikurezza pubblika" jew "kriżi" u jinkludu prontezza tad-difiża fl-ambitu tagħhom, filwaqt li jinkludu attivitajiet u investimenti tal-prontezza tad-difiża. Meta għall-proċess tal-għoti tal-permessi jkunu meħtieġa mižuri kumpensatorji jew ta' mitigazzjoni dawk il-mižuri jenħtieġ li jiżguraw l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u jkunu proporzjonati fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet ta' prontezza tad-difiża u setturi rilevanti, sabiex l-objettiv tal-prontezza tad-difiża għall-2030 jista' jintlaħaq f'waqtu.

Or. en

Emenda 29
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Biex jiġi żgurat approċċ koerenti għas-sigurtà u l-prontezza tad-difiża Ewropej, l-aċċelerazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi ma tridx tikkompromietti l-protezzjoni tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jibbenefikaw ugwalment minn proċessi ssimplifikati u armonizzati, li jiggarantixxu kundizzjonijiet ekwi u opportunitajiet indaqs għal aċċess għall-fondi u l-għotjiet tal-Unjoni.

Emenda 30
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi.	(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati ***u skedi ta' żmien*** għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi. ***Id-Direttiva 2011/92/KE tippermetti lill-Istati Membri jeskludu mill-ambitu tad-Direttiva proġetti jew partijiet minn proġetti li jkollhom id-difiża bħala l-għan uniku tagħhom, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk dan ikun previst mid-dritt nazzjonali, u jekk iqisu li l-applikazzjoni tad-Direttiva jkun ikollha effett negattiv fuq dak l-għan. Dan ir-Regolament jiċċara li, meta proġett ikun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont deċiżjoni ta' Stat Membru li japplika d-Direttiva 2011/92/KE għal tali proġett, l-iskeda ta' żmien tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jenħtieġ li ma tiġix inkluża fid-durata tal-proċess tal-għoti tal-permessi stabbilit b'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jirrikjedi wkoll li l-punti uniċi ta' kuntatt jipprovdu informazzjoni lill-promoturi tal-proġetti dwar ir-rekwiżit li***

titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali, kif ukoll l-ambitu u l-livell ta' dettall ta' tali valutazzjoni.

Or. en

Emenda 31
Virginie Joron, Pierre-Romain Thionnet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża.*** Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, ***jeħtieġ*** jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi.	(6) Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, ***huwa mixtieq li*** jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 32
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-	(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-

permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi.	permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi. ***Biex jiġi evitat il-gold-plating, l-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tuża l-istrument ta' regolament minflok direttiva.***

Or. en

Emenda 33
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi.	(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej***, li tikkomprommetti l-iskalabbiltà ta' kooperazzjoni industrijali tad-difiża strateġika u ddewwem il-varar ta' assi ta' produzzjoni tad-difiża ewlenin***. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-

permessi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda ssaħħaħ il-ħtieġa ta' proċeduri tal-għoti tal-permessi armonizzati biex tiġi evitata l-frammentazzjoni li tikkompromett l-kapaċità tal-Ewropa li tvara malajr kapaċitajiet tad-difiża strateġiċi. Billi tagħmel referenza espliċita għall-kooperazzjoni industrijali tad-difiża strateġika u l-assi tal-produzzjoni tad-difiża ewlenin, din tenfasizza l-urġenza li tiġi permessa l-mobilizzazzjoni industrijali transfruntiera b'rispons għal theddid ġeopolitiku dejjem jikber.

Emenda 34
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi.	(6) Filwaqt li ċerti Stati Membri ħadu jew aktarx se jieħdu miżuri biex jaċċelleraw il-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-industrija tad-difiża, dan jista' jsir b'modi differenti li jirriżultaw f'ostakli għall-funzjonament tas-suq intern fis-settur tad-difiża. Intwera li leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti rigward il-proċess tal-ippjanar tal-għoti tal-permessi tal-proġetti tad-difiża inbidlet f'konġestjonijiet għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti tad-difiża rilevanti Ewropej. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, ***meta possibbli u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri,*** jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li, filwaqt li r-Regolament jarmonizza u jaċċelera l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom biex japplikaw proċeduri u valutazzjonijiet nazzjonali meħtieġa mitluba mid-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni.

Emenda 35
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jipprovdu gwida u oqfsa, ir-responsabbiltà għall-awtorizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-proċessi rapidi tal-għoti tal-permessi hija primarjament f'idejn l-Istati Membri. L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw bidliet li jaqdu x-xenarji amministrattivi u regolatorji speċifiċi tagħhom.	(7) Filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jipprovdu gwida u oqfsa, ir-responsabbiltà għall-awtorizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-proċessi rapidi tal-għoti tal-permessi hija primarjament f'idejn l-Istati Membri. L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw bidliet li jaqdu x-xenarji amministrattivi u regolatorji speċifiċi tagħhom. ***Għalhekk, l-UE titlob lill-Istati Membri jirrieżaminaw malajr il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tagħhom u joħolqu eżenzjonijiet immirati għall-industrija tad-difiża u l-infrastruttura tad-difiża – bħal kwartieri, toroq, pontijiet jew bunkers – sabiex jitħaffu l-proċessi ta' approvazzjoni u jiġi ffaċilitat l-investiment. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-applikazzjoni ta' standards ESG nazzjonali fir-rigward tal-investimenti fil-qasam tad-difiża, li f'xi Stati Membri, l-aċċess għall-kapital għall-kumpaniji fis-settur tad-difiża bħalissa huwa ristrett ħafna.***

Or. de

Emenda 36
Virginie Joron, Pierre-Romain Thionnet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jipprovdu gwida u oqfsa, ir-	(7) Filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jipprovdu gwida u oqfsa, ir-

responsabbiltà għall-awtorizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-proċessi rapidi tal-għoti tal-permessi hija ***primarjament*** f'idejn l-Istati Membri. L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw bidliet li jaqdu x-xenarji amministrattivi u regolatorji speċifiċi tagħhom.	responsabbiltà għall-awtorizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-proċessi rapidi tal-għoti tal-permessi hija ***qabelxejn*** f'idejn l-Istati Membri. L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw bidliet li jaqdu x-xenarji amministrattivi u regolatorji speċifiċi tagħhom.

Or. en

Emenda 37
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltà unika tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tagħhom. Funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inklużi d-difiża tat-territorju, iż-żamma tal-liġi u l-ordni u l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, jibqgħu fil-kompetenza nazzjonali u ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu proċeduri tal-għoti tal-permessi nazzjonali straordinarji, dment li tali miżuri ma jikkompromettux il-funzjonament tas-suq intern għal proġetti tal-prontezza tad-difiża fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 38
Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(7a) L-aċċelerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għal koeżjoni soċjali u territorjali fl-Unjoni kollha; f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għal reġjuni b'kapaċità amministrattiva jew żvilupp industrijali aktar baxx, li jiżgura li l-Istati Membri kollha jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali fit-tishih tal-prontezza tad-difiża Ewropea.

Or. en

Emenda 39
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Hemm ħtieġa urġenti li jitnaqqsu l-kumplessità u ***d-durata*** tal-proċessi tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża. Billi tistabbilixxi oqfsa nazzjonali tal-għoti tal-permessi li jagħtu prijorità lil dawn il-proġetti u jiżguraw l-ipproċessar rapidu tagħhom, l-Unjoni għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni u l-prontezza tad-difiża tagħha sa mhux aktar tard mill-2030.	(8) Hemm ħtieġa urġenti li jitnaqqsu l-kumplessità u ***tiżdied il-prevedibbiltà*** tal-proċessi tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża***, filwaqt li jiġu sfruttati biex jiffaċilitaw kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u SMEs innovattivi li se jipprovdu teknoloġiji trasformattivi, inkluża t-teknoloġija nadifa, li jwieġbu għall-ħtiġijiet tad-difiża tal-futur***. Billi tistabbilixxi oqfsa nazzjonali tal-għoti tal-permessi li jagħtu prijorità lil dawn il-proġetti u jiżguraw l-ipproċessar rapidu tagħhom, l-Unjoni għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni u l-prontezza tad-difiża tagħha sa mhux aktar tard mill-2030.

Or. en

Emenda 40

Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-industrija tad-difiża jenħtieġ li tibbenefika mir-regoli li wrew li huma effettivi fis-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi industrijali. L-għan huwa li jitnaqqsu l-iskadenzi għall-għoti tal-permessi għall-attivitajiet tal-industrija tad-difiża, inkluż il-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda u l-infrastruttura relatata, l-espansjoni tal-faċilitajiet eżistenti, l-istabbiliment ta' siti tal-ittestjar, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni filwaqt li jintużaw u jitwessgħu d-dispożizzjonijiet applikabbli eżistenti.	(9) Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-industrija tad-difiża jenħtieġ li tibbenefika mir-regoli li wrew li huma effettivi fis-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi industrijali. L-għan huwa li jitnaqqsu l-iskadenzi għall-għoti tal-permessi għall-attivitajiet tal-industrija tad-difiża, inkluż il-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda u l-infrastruttura relatata, l-espansjoni tal-faċilitajiet eżistenti, ***inklużi s-siti tal-produzzjoni jew tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-Istat fl-ambitu tad-difiża,*** l-istabbiliment ta' siti tal-ittestjar, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni filwaqt li jintużaw u jitwessgħu d-dispożizzjonijiet applikabbli eżistenti.

Or. it

Emenda 41
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-industrija tad-difiża jenħtieġ li tibbenefika mir-regoli li wrew li huma effettivi fis-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi industrijali. L-għan huwa li jitnaqqsu l-iskadenzi għall-għoti tal-permessi għall-attivitajiet tal-industrija tad-difiża, inkluż il-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda u l-infrastruttura relatata, l-espansjoni tal-faċilitajiet eżistenti, l-istabbiliment ta' siti tal-ittestjar, it-taħriġ ***u ċ-ċertifikazzjoni*** filwaqt li jintużaw u jitwessgħu d-dispożizzjonijiet applikabbli	(9) Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-industrija tad-difiża jenħtieġ li tibbenefika mir-regoli li wrew li huma effettivi fis-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi industrijali. L-għan huwa li jitnaqqsu l-iskadenzi għall-għoti tal-permessi għall-attivitajiet tal-industrija tad-difiża, inkluż il-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda u l-infrastruttura relatata, l-espansjoni tal-faċilitajiet eżistenti, l-istabbiliment ta' siti tal-ittestjar, it-taħriġ***, iċ-ċertifikazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp inklużi l-kostruzzjoni ta' prototipi u t-***

eżistenti.	***trasferiment tat-teknoloġiji*** filwaqt li jintużaw u jitwessgħu d-dispożizzjonijiet applikabbli eżistenti.

Or. de

Emenda 42
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-industrija tad-difiża jenħtieġ li tibbenefika ***mir-regoli*** li wrew li huma effettivi fis-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi industrijali**.** L-għan ***huwa li jitnaqqsu*** l-iskadenzi għall-għoti tal-permessi għall-attivitajiet tal-industrija tad-difiża, inkluż il-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda u l-infrastruttura relatata, l-espansjoni tal-faċilitajiet eżistenti, l-istabbiliment ta' siti tal-ittestjar, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni filwaqt li jintużaw u jitwessgħu d-dispożizzjonijiet applikabbli eżistenti.	(9) Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-industrija tad-difiża jenħtieġ li tibbenefika ***minn regoli*** li wrew li huma effettivi fis-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi industrijali ***u li jagħtu spinta lill-atturi industrijali tad-difiża innovattivi, filwaqt li jkollha*** l-għan ***li tirrispetta*** l-iskadenzi ***stabbiliti*** għall-għoti tal-permessi għall-attivitajiet tal-industrija tad-difiża, inkluż il-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda u l-infrastruttura relatata, l-espansjoni tal-faċilitajiet eżistenti, l-istabbiliment ta' siti tal-ittestjar, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni filwaqt li jintużaw u jitwessgħu d-dispożizzjonijiet applikabbli eżistenti.

Or. en

Emenda 43
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni mhijiex biss ta' valur amministrattiv, iżda hija kundizzjoni

meħtieġa għall-appoġġ tal-kompetittività internazzjonali tal-industrija Ewropea tad-difiża. Qafas regolatorju aktar aġli jillibera r-riżorsi għall-innovazzjoni teknoloġika, irawwem il-modularità tal-produzzjoni u jħeġġeġ l-istabbiliment ta' konsorzji transfruntiera li jistgħu jnaqqsu d-diskrepanzi fil-kapaċità aktar malajr.

Or. it

Emenda 44
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Biex jiġi żgurat li proċess tal-għoti tal-permessi ssimplifikat u proċessi ta' għoti ta' prijorità jkopru l-katina tal-valur tad-difiża sħiħa, il-kunċett tal-industrija tad-difiża jenħtieġ li jinkludi mhux biss impriżi li jimmanifatturaw prodotti relatati mad-difiża skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/43/KE, iżda anke impriżi li jipprovdu servizzi li direttament itejbu l-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Or. en

Emenda 45
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet fl-investimenti fid-difiża, il-proċess tal-għoti tal-permessi skont dan ir-Regolament ikopri kemm il-permessi

kif ukoll l-approvazzjonijiet meħtieġa għat-twettiq tal-proġetti tad-difiża u l-għoti u l-modifika tal-liċenzji tal-produzzjoni tad-difiża, fi proċedura u skeda ta' żmien uniċi u kkoordinati. Peress li l-liċenzjar għall-manifattura ta' prodotti tad-difiża ta' spiss jieħu fit-tul daqs, jew itwal, mill-permessi għall-bini u dawk operazzjonali, li dan jinġab fi proċess limitat fiż-żmien inaqqas il-frammentazzjoni u jsaħħaħ iċ-ċertezza legali. Meta xieraq, il-punt uniku ta' kuntatt jenħtieġ li jkun kapaċi jittratta l-għoti ta' liċenzja tal-produzzjoni tad-difiża bħala fergħa proċedurali distinta bl-iskeda taż-żmien tagħha skont l-Artikolu 5, mingħajr preġudizzju għall-koordinazzjoni ġenerali tal-proċess.

Or. en

Emenda 46
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. ***Madankollu***, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien	(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. ***Il-liġi ambjentali tal-Unjoni toffri ċerti derogi, b'mod partikolari għal proġetti ta' interess pubbliku prevalenti abbażi ta' valutazzjoni ta' każ b'każ, iżda tirrikjedi li l-ewwel jiġu vvalutati kif xieraq is-soluzzjonijiet alternattivi u li jittieħdu miżuri ta' kumpens.*** Biex jiġi żgurat li l-

tal-ambjent. F'dak ir-rigward, ***jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jingabru*** biex ***tiġi evitata d-duplikazzjoni*** bla bżonn.

proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, ***l-Istati Membri jistgħu jipprevedu proċeduri kkoordinati u/jew konġunti biex jissimplifikaw il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali tal-proġetti meħtieġa mid-dritt rilevanti tal-Unjoni, u jenħtieġ li jikkombinaw il-valutazzjonijiet tal-impatti ambjentali tat-tqassim f'żoni, tal-pjanijiet spazjali u tal-pjanijiet tal-użu tal-art tagħhom, meħtieġa mid-dritt rilevanti tal-Unjoni*** biex ***jevitaw id-duplikazzjonijiet*** bla bżonn.

Or. en

Emenda 47
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien	(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien

tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jinġabru biex ***tiġi evitata*** d-duplikazzjoni bla bżonn.

tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jinġabru biex ***jiġu evitati*** d-duplikazzjoni ***u d-dewmien*** bla bżonn. ***It-twettiq ta' proġetti tad-difiża ma jridx ma jirnexxix minħabba, pereżempju, li l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali jirrikjedu ammont ta' żmien mhux raġonevoli.***

Or. en

Emenda 48
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, ***huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża***. ***Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi*** għal proġetti tal-prontezza tad-difiża ***jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li*** l-valutazzjonijiet meħtieġa jinġabru ***biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn***.	(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, ***hija ta' importanza fundamentali***. Għal proġetti tal-prontezza tad-difiża***, b'mod partikolari għall-produzzjoni industrijali, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-investiment fis-settur tad-difiża, l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha madankollu tinżamm għall-minimu. L-awtoritajiet responsabbli jenħtieġ li jfasslu proċeduri ta' approvazzjoni b'tali mod li*** l-valutazzjonijiet meħtieġa jinġabru ***u jitħaffu biex jiġi evitat id-dewmien, u, fejn legalment permess, joqogħdu lura milli japplikaw rekwiżiti ambjentali u ta' konservazzjoni tan-natura sa fejn dan ikun meħtieġ għall-manifattura, il-konsenja jew l-ikkummissjonar f'waqthom ta' prodotti kritiċi tad-difiża***. ***L-għan huwa li jiġu żgurati l-prevedibbiltà, l-ippjanar u l-veloċità tal-investimenti fil-qasam tad-difiża mingħajr ma jiġu mxekkla l-kapaċitajiet operattivi***

tal-Istati Membri u tal-Unjoni.

Or. de

Emenda 49
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż ***pereżempju fir-rigward tal-ilma***, il-ġestjoni tal-iskart, ***l-arja***, l-ekosistemi, il-ħabitats, ***il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, huma*** parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. ***Tali*** regoli ***huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti*** negattivi ***jiġu evitati jew imminimizzati***. Madankollu, ***biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza*** tad-difiża ***jkunu*** prevedibbli u f'waqthom***, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li*** l-valutazzjonijiet meħtieġa jingħabru ***biex tiġi evitata d-duplikazzjoni*** bla bżonn.	(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż ***f'oqsma bħalma huma l-ilma***, il-ġestjoni tal-iskart, ***il-kwalità tal-arja***, l-ekosistemi, il-ħabitats, ***l-arkeoloġija u l-bijodiversità tibqa'*** parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. ***Dawn ir-regoli jikkostitwixxu salvagwardji importanti għall-prevenzjoni jew għall-minimizzazzjoni tal-impatti*** negattivi. Madankollu, ***fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-prontezza*** tad-difiża ***tal-Ewropa, l-implimentazzjoni ta' tali rekwiżiti jenħtieġ li tkun proporzjonata u adattata għan-natura speċifika tal-proġetti tad-difiża. Biex jiġi żgurat li l-proċeduri jibqgħu*** prevedibbli***, effiċjenti*** u f'waqthom***, jenħtieġ li*** l-valutazzjonijiet meħtieġa ***jiġu ssimplifikati u, meta jkun xieraq,*** jingħabru***, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piżijiet amministrattivi*** bla bżonn***, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni ambjentali***.

Or. en

Emenda 50
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward ***tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar***, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jingabru biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn.	(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward ***tad-dispożizzjonijiet ambjentali***, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell, pereżempju, tal-ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jingabru biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn.

Or. en

Emenda 51
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, ***jenħtieġ li***	(10) Il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż pereżempju fir-rigward tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, l-arja, l-ekosistemi, il-ħabitats, il-protezzjoni arkeoloġika, tal-bijodiversità u tal-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura tal-għoti tal-permessi, anke għas-settur tad-difiża. Tali regoli huma salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-impatti negattivi jiġu evitati jew imminimizzati. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża jkunu prevedibbli u f'waqthom, kwalunkwe

jinħataf kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa ***filwaqt li ma jitnaqqasx*** il-livell***, pereżempju,*** tal-ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jingabru biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn.

potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa ***jenħtieġ li jżomm b'mod strett*** il-livell tal-ħarsien tal-ambjent ***u s-sikurezza pubblika***. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jingabru biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn.

Or. en

Emenda 52
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-kjarifika tad-derogi tal-Unjoni għall-prontezza tad-difiża u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tad-difiża huwa ġġustifikat sew mill-aggressjoni tar-Russja u d-deterjorament tal-ambjent ġeopolitiku, li jikkostitwixxu sitwazzjoni eċċezzjonali. F'dan il-kuntest, is-sigurtà hija interess eżistenzjali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, li tagħmel il-bini rapidu tal-kapaċitajiet militari prijorità u tiġġustifika l-adattamenti fil-proċeduri mfassla għal żminijiet ordinarji. Filwaqt li jibni fuq il-komunikazzjoni tal-omnibus dwar id-difiża tal-Kummissjoni, dan ir-Regolament jiċċara, biex jiżgura applikazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha, li l-prontezza tad-difiża, inklużi l-investimenti u l-attivitajiet industrijali u governattivi, taqa' fl-ambitu ta' derogi tal-Unjoni eżistenti minħabba raġunijiet bħall-interess pubbliku prevalenti, is-sikurezza pubblika jew il-kriżi; dan jinkludi, inter alia, strumenti taħt id-Direttiva dwar il-Ħabitats (id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE), id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (id-Direttiva 2000/60/KE), id-Direttiva dwar l-Għasafar (id-Direttiva 2009/147/KE) u r-Regolament dwar

Vjeġġi ta' Skart (ir-Regolament (UE) 2024/1157), kif ukoll għodod settorjali bħall-eżenzjoni għall-proġetti essenzjali għad-difiża fid-Direttiva dwar il-VIA (id-Direttiva 2011/92/UE) u l-eżenzjonijiet għal skopijiet militari fid-Direttiva dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE, Waste Electrical and Electronic Equipment) (id-Direttiva 2012/19/UE) u d-Direttiva dwar ir-Restrizzjoni ta' Sustanzi Perikoluża (RoHS, Restriction of Hazardous Substances) (id-Direttiva 2011/65/UE). Dan jiċċara wkoll li, għall-iskop tal-bini tal-kapaċitajiet tad-difiża u l-iżgurar tal-prontezza tad-difiża, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu kapaċi japplikaw derogi, eżenzjonijiet jew proċeduri aċċellerati marbutin mat-tqegħid fis-suq ta' prodotti strettament għal użu ta' difiża, meta ġġustifikat minn ħtieġa ta' difiża identifikata, dment li tali miżuri huma meħtieġa u proporzjinati u huma ttrattati bi prijorità permezz tal-punt uniku ta' kuntatt. Din iż-żieda tikkomplementa l-objettivi tal-proposta dwar proċessi tal-għoti tal-permessi ssimplifikati u ċ-ċertezza legali għal proġetti tal-prontezza tad-difiża u tirrifletti li għadd ta' prodotti u servizzi għandhom użu doppju fuq il-kamp tal-battalja modern u fil-kuntest tas-sigurtà usa'.

Or. en

Emenda 53
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi u tal-valutazzjoni meħtieġa skont id-dritt nazzjonali jiġu organizzati b'mod ikkoordinat li jikkomplementa lil

dawk meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, li jevitaw id-duplikazzjoni u d-dewmien amministrattiv bla bżonn, filwaqt li jżommu livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Meta xieraq, tali proċeduri jenħtieġ li jiġu kkoordinati jew ikkombinati biex jipprovdu proċess effiċjenti, prevedibbli u trasparenti għall-promoturi ta' proġetti.

Or. en

Emenda 54
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Fid-dawl tal-volumi finanzjarji għoljin mistennija skont il-qafas tal-Prontezza 2030, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li hemm miżuri stabbiliti biex jipprevjenu, jiskopru u jikkoreġu kwalunkwe riskju ta' frodi, korruzzjoni jew użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni. Is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn obbligi ta' trasparenza u rapportar imsaħħa.

Or. en

Emenda 55
Bart Groothuis, Ivars Ijabs, Engin Eroglu, Jeannette Baljeu, Morten Løkkegaard, Hilde Vautmans, Marjan Šarec, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Svenja Hahn, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Id-Direttiva 92/43/KEE, id-

Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 2011/92/UE jiddikjaraw li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, fuq bażi ta' każ b'każ jekk previst mid-dritt nazzjonali, li ma japplikawx dawn id-Direttivi għal proġetti li jaqdu skopijiet ta' difiża nazzjonali li jkunu jinkludu wkoll proġetti tal-prontezza tad-difiża skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-kapaċità industrijali tad-difiża, huwa essenzjali li jiġu aċċelerati proċeduri tal-għoti tal-permessi. Din l-emenda għalhekk ittenni l-applikabbiltà tad-deroga dwar l-Interess Pubbliku Prevalenti eżistenti stabbilita fid-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva dwar il-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE u d-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent.

Emenda 56
Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-proġetti tal-prontezza tad-difiża jridu jikkonformaw bis-sħiħ mal-istandards soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u l-Karta Soċjali Ewropea; l-aċċellerazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi ma għandhiex tikkomprommetti d-drittijiet tan-negozjar kollettiv, is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jew id-djalogu soċjali f'impriżi relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 57
Klara Dostalova, Jaroslava Pokorná Jermanová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament

Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Kull Stat Membru jenħtieġ li juża d-diskrezzjoni sħiħa tiegħu biex jiddetermina jekk proġett li jinsab fit-territorju tiegħu jikkwalifikax bħala proġett tal-prontezza tad-difiża.

Or. en

Emenda 58
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Biex jissalvagwardjaw il-fiduċja fil-proċeduri aċċellerati u s-suq intern, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-imparzjalità tal-punti uniċi ta' kuntatt u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha involuti fil-proċess tal-għoti tal-permessi, inkluż permezz taż-żamma tal-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta u tal-kunflitt ta' interess, it-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-pubblikazzjoni ta' statistika mhux kunfidenzjali dwar deċiżjonijiet tal-permessi u l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' miżuri kontra l-korruzzjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għall-SMEs u għall-kumpaniji ta' kull daqs fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 59
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Biex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar effiċjenti u f'waqtu tal-applikazzjonijiet għall-għoti tal-permessi amministrattivi relatati mal-attivitajiet ta' prontezza tad-difiża ***u ż-żieda*** fil-produzzjoni tad-difiża, l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jimplimentaw proċeduri rapidi. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet jipprovdu l-aktar trattament legali rapidu possibbli għal tali applikazzjonijiet, u b'hekk jagħtu lok għal reazzjonijiet f'waqthom għall-ħtiġijiet tal-prontezza tad-difiża.	(11) Biex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar effiċjenti u f'waqtu tal-applikazzjonijiet għall-għoti tal-permessi amministrattivi relatati mal-attivitajiet ta' prontezza tad-difiża***, iż-żieda*** fil-produzzjoni tad-difiża ***u l-appoġġ għal SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja innovattivi*** l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jimplimentaw proċeduri rapidi. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet jipprovdu l-aktar trattament legali rapidu possibbli għal tali applikazzjonijiet, u b'hekk jagħtu lok għal reazzjonijiet f'waqthom għall-ħtiġijiet tal-prontezza tad-difiża.

Or. en

Emenda 60
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex titnaqqas il-kumplessità u jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza fil-proċess tal-għoti tal-permessi, il-promoturi ta' proġetti jenħtieġ li jkunu jistgħu jinteraġixxu ma' punt ta' kuntatt uniku, li jkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-proċess tal-għoti tal-permessi kollu. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew jaħtru punt uniku ta' kuntatt wieħed jew aktar, filwaqt li jiżguraw li l-promoturi ta' proġetti jkollhom jinteraġixxu ma' punt ta' kuntatt wieħed. Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-responsabbiltajiet tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu biżżejjed persunal

u riżorsi lill-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom, kif ukoll lil kwalunkwe awtorità involuta fil-proċess tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 61
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjonijiet tal-industrija fir-rigward tal-permessi relatati mal-attivitajiet tad-difiża ***huwa maħsub biex*** jissimplifika l-komunikazzjoni, inaqqas il-piżijiet amministrattivi u jkompli jħaffef il-proċess tal-għoti tal-permessi bi skadenzi ċari u legalment vinkolanti***, u b'hekk jipprovdi perkors effiċjenti għall-applikazzjonijiet industrijali relatati mad-difiża***. Barra minn hekk, se jipprovdi ċertezza lill-investituri billi jiżgura t-trattament rapidu tal-applikazzjonijiet għall-permessi u jillimita r-riskji għall-investimenti relatati ma' proċeduri twal.	(12) L-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjonijiet tal-industrija fir-rigward tal-permessi relatati mal-attivitajiet tad-difiża ***jista'*** jissimplifika l-komunikazzjoni, inaqqas il-piżijiet amministrattivi u jkompli jħaffef il-proċess tal-għoti tal-permessi bi skadenzi ċari u legalment vinkolanti***. Meta jiġu kkunsidrati l-istrutturi diversi fl-Istati Membri, il-valur miżjud ta' punt uniku ta' kuntatt ċentrali jenħtieġ li jiġi rieżaminat u evalwat. Id-distorsjonijiet tas-suq u l-iżvantaġġi kompetittivi fuq is-suq Ewropew iridu jiġu evitati***. Barra minn hekk, se jipprovdi ċertezza lill-investituri billi jiżgura t-trattament rapidu tal-applikazzjonijiet għall-permessi u jillimita r-riskji għall-investimenti relatati ma' proċeduri twal.

Or. en

Emenda 62
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(12) L-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjonijiet tal-industrija fir-rigward tal-permessi relatati ***mal-attivitajiet tad-difiża*** huwa maħsub biex jissimplifika l-komunikazzjoni, inaqqas il-piżijiet amministrattivi u jkompli jħaffef il-proċess tal-għoti tal-permessi bi skadenzi ċari u legalment vinkolanti, u b'hekk jipprovdi perkors effiċjenti għall-applikazzjonijiet industrijali relatati mad-difiża. ***Barra minn hekk, se jipprovdi ċertezza lill-investituri billi jiżgura t-trattament rapidu tal-applikazzjonijiet għall-permessi u jillimita r-riskji għall-investimenti relatati ma' proċeduri twal.***	(12) L-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjonijiet tal-industrija fir-rigward tal-permessi relatati ***mal-manifattura ta' prodotti relatati mad-difiża u komponenti rilevanti u materja prima*** huwa maħsub biex jissimplifika l-komunikazzjoni, inaqqas il-piżijiet amministrattivi u jkompli jħaffef il-proċess tal-għoti tal-permessi bi skadenzi ċari u legalment vinkolanti, u b'hekk jipprovdi perkors effiċjenti għall-applikazzjonijiet industrijali relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 63
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjonijiet tal-industrija fir-rigward tal-permessi relatati mal-attivitajiet tad-difiża huwa maħsub biex jissimplifika l-komunikazzjoni, inaqqas il-piżijiet amministrattivi u jkompli jħaffef il-proċess tal-għoti tal-permessi bi skadenzi ċari u legalment vinkolanti, u b'hekk jipprovdi perkors effiċjenti għall-applikazzjonijiet industrijali relatati mad-difiża. Barra minn hekk, se jipprovdi ċertezza lill-investituri billi jiżgura t-trattament rapidu tal-applikazzjonijiet għall-permessi u jillimita r-riskji għall-investimenti relatati ma' proċeduri twal.	(12) L-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjonijiet tal-industrija fir-rigward tal-permessi relatati mal-attivitajiet tad-difiża huwa maħsub biex jissimplifika l-komunikazzjoni***, jikkjarifika r-responsabbiltajiet***, inaqqas il-piżijiet amministrattivi u jkompli jħaffef il-proċess tal-għoti tal-permessi bi skadenzi ċari u legalment vinkolanti, u b'hekk jipprovdi perkors effiċjenti għall-applikazzjonijiet industrijali relatati mad-difiża. Barra minn hekk, se jipprovdi ċertezza lill-investituri billi jiżgura t-trattament rapidu tal-applikazzjonijiet għall-permessi u jillimita r-riskji għall-investimenti relatati ma' proċeduri twal.

Or. de

Emenda 64
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sabiex jiġi żgurat li l-Punti Uniċi ta' Kuntatt jistgħu jaħdmu b'mod effettiv u ma jiġux imxekkla b'applikazzjonijiet mhux kompluti jew mhux konformi, jenħtieġ li tkun ir-responsabbiltà tal-promotur ta' proġett li juri l-eliġibbiltà tagħhom skont dan ir-Regolament. Meta jissottomettu applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' proġetti ta' manifattura bħal proġetti ta' prontezza tad-difiża, il-promoturi ta' proġetti għalhekk jenħtieġ li jkunu kapaċi jipprovdu prova li l-proġett tal-prontezza tad-difiża potenzjali huwa għall-iskop uniku tad-difiża. B'mod partikolari, għal proġett tal-prontezza tad-difiża potenzjali relatat ma' prodotti rilevanti għall-kriżi, l-applikazzjoni jenħtieġ li tinkludi evidenza rilevanti li turi li l-output industrijali se jkun primarjament użat għal prodotti relatati mad-difiża. Għal dan l-iskop, il-Punti Uniċi ta' Kuntatt għandhom jiżguraw li tali dokumenti jistgħu jiġu sottomessi flimkien mal-applikazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw l-applikazzjoni b'mod ġust u trasparenti fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta. Jekk promotur ta' proġett jonqos milli jagħti prova tal-issodisfar tal-kriterji meħtieġa, l-applikazzjoni jenħtieġ li titqies inammissibbli.

Or. en

Emenda 65
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Fi Stati Membri bi struttura amministrattiva federali jew inkella deċentralizzata l-funzjonijiet tal-punt uniku ta' kuntatt jistgħu jitwettqu permezz ta' struttura ta' koordinazzjoni li tinvolvi awtoritajiet reġjonali jew lokali, dment li l-promoturi ta' proġetti għandhom interfaċċa identifikata b'mod ċar għal kull proġett. Il-flessibbiltà jenħtieġ li tiġi żgurata biex tippermetti lil diversi awtoritajiet kompetenti joperaw bħala punti uniċi ta' kuntatt meta meħtieġ, dment li jkun hemm stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ċari u li l-promoturi ta' proġetti jkollhom awtorità ta' koordinazzjoni identifikata b'mod ċar li taġixxi bħala l-interfaċċa unika għal kull proġett. Tali arranġamenti jenħtieġ li jevitaw id-duplikazzjoni jew il-frammentazzjoni ta' proċeduri u jippreżervaw l-effiċjenza u l-iskop tas-sistema tal-punt uniku ta' kuntatt.

Or. en

Emenda 66
Klara Dostalova, Jaroslava Pokorná Jermanová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeċiedu, f'konformità mal-istrutturi amministrattivi interni tagħhom, li jiddeterminaw jekk l-istabbiliment jew il-ħatra tal-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom issirx fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew fi kwalunkwe livell amministrattiv rilevanti ieħor. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri

jenħtieġ li jiddefinixxu u jagħmlu disponibbli għall-punti uniċi ta' kuntatt ir-rekwiżiti applikabbli għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-promotur ta' proġett qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-permess u l-ambitu tagħha. Jenħtieġ li l-punt uniku ta' kuntatt ikun responsabbli għall-komunikazzjoni ta' tali rekwiżiti u informazzjoni lill-promotur ta' proġett tal-proġett tal-prontezza tad-difiża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jiddeċiedu f'liema livell tal-istruttura tal-Istat se jkun jinsab il-punt uniku ta' kuntatt u jekk hux se jkun interfaċċa amministrata mill-awtorità kompetenti jew mod ieħor. Fl-istess waqt il-punt uniku jrid ikun kapaċi jiffaċilita lill-promotur ta' proġett (l-applikant għall-permess) b'biżżejjed informazzjoni meħtieġa għal proċedimenti rispettivi.

Emenda 67
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Biex tiġi aċċellerata l-kisba tal-kapaċità operazzjonali sħiħa tal-punti uniċi ta' kuntatt, jenħtieġ li sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-komplementarjetà possibbli mal-punti uniċi ta' kuntatt eżistenti, pereżempju dawk stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jew ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(13) Biex tiġi aċċellerata l-kisba tal-kapaċità operazzjonali sħiħa tal-punti uniċi ta' kuntatt, jenħtieġ li sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-komplementarjetà possibbli mal-punti uniċi ta' kuntatt eżistenti, pereżempju dawk stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jew ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. ***F'xi Stati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali huma meħtieġa jkunu involuti fil-proċess tal-approvazzjoni jew li jadottaw id-deċiżjonijiet rilevanti. Dan irid jiġi kkunsidrat ukoll meta jiġu aċċellerati l-proċeduri tal-għoti tal-permessi.***

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

Or. en

Emenda 68
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Biex tiġi aċċellerata l-kisba tal-kapaċità operazzjonali sħiħa tal-punti uniċi ta' kuntatt, jenħtieġ li sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-komplementarjetà possibbli mal-punti uniċi ta' kuntatt eżistenti, ***pereżempju*** dawk stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jew ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(13) Biex tiġi aċċellerata l-kisba tal-kapaċità operazzjonali sħiħa tal-punti uniċi ta' kuntatt, jenħtieġ li sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-komplementarjetà possibbli mal-punti uniċi ta' kuntatt eżistenti, ***b'mod partikolari*** dawk stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jew ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

Or. en

Emenda 69
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, fid-dawl tal-organizzazzjoni interna tagħhom, jagħżlu jekk jistabbilux jew jaħtrux il-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew fi kwalunkwe livell amministrattiv rilevanti ieħor. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-aqwa sforz biex jiżguraw li l-promoturi ta' proġetti, b'mod partikolari SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, ikunu jistgħu jidentifikaw u jaċċessaw faċilment il-punt uniku ta' kuntatt għall-proġett speċifiku tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jispeċifikaw u jqiegħdu għad-

dispożizzjoni tal-punt uniku ta' kuntatt ir-rekwiżiti u l-firxa tal-informazzjoni mitluba minn promotur ta' proġett qabel ma jibda l-proċess tal-għoti tal-permessi. Jenħtieġ li l-punt uniku ta' kuntatt ikun responsabbli għall-komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni lill-promotur ta' proġett. Jenħtieġ li l-punt uniku ta' kuntatt, fir-rwol tiegħu ta' koordinatur, jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' kwalunkwe talba għal proċess tal-għoti tal-permessi. Talbiet bħal dawn jistgħu jinkludu studji, permessi jew awtorizzazzjonijiet.

Or. en

Emenda 70
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Ċerti proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi meħtieġa għall-issodisfar f'waqtu tas-sett ta' erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali deskritti fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030, għandhom dimensjoni transfruntiera speċjali, anke fir-rigward tal-manifattura, b'mod partikolari t-Tarka tal-Ajru Ewropea u t-Tarka Spazjali Ewropea, li jistgħu jibbenefikaw minn kooperazzjoni reġjonali strutturata bejn il-punti uniċi ta' kuntatt nazzjonali rilevanti jew permezz tal-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt transfruntier konġunt. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru wieħed jew aktar, tipprovdi appoġġ għall-istabbiliment ta' attivitajiet transfruntiera u punti ta' kuntatt

konġunti.

Or. en

Emenda 71
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħhom, ***filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju u lill-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja involuti ***f'dawk il-proġetti***, billi jipprovdu assistenza rigward il-konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli, jinformaw lill-pubbliku biex tiżdied l-aċċettazzjoni tal-proġetti u jiggwidaw lill-promoturi tal-proġetti fil-proċess tal-għoti tal-permessi.	(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħhom, ***b'appoġġ imfassal apposta ddedikat lil intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju u lill-intrapriżi ***żgħar*** b'kapitalizzazzjoni medja involuti ***fl-industrija tad-difiża u li jistgħu jwettqu proġetti tal-prontezza tad-difiża***, ***inkluż*** billi jipprovdu assistenza rigward il-konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli, jinformaw lill-pubbliku biex tiżdied l-aċċettazzjoni tal-proġetti u jiggwidaw lill-promoturi tal-proġetti fil-proċess tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 72
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, biex	(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, biex

jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ***u lill-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja involuti f'dawk il-proġetti, billi jipprovdu assistenza rigward il-konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli, jinformaw lill-pubbliku biex tiżdied l-aċċettazzjoni tal-proġetti u jiggwidaw lill-promoturi tal-proġetti fil-proċess*** tal-għoti tal-permessi.	jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ***li ta' spiss jiffaċċjaw kostijiet għall-konformità relattivi ogħla u kapaċità amministrattiva limitata***. ***Għal dak il-għan, il-punt uniku ta' kuntatt jenħtieġ li jinkludi funzjonijiet ta' appoġġ iddedikati għall-SMEs, bħal helpdesks, mudelli u għodod diġitali armonizzati, li joffru gwida ċara dwar ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni u tal-konformità u assistenza matul il-proċess*** tal-għoti tal-permessi ***kollu, biex atturi iżgħar ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv u mingħajr piż amministrattiv sproporzjonat***.
	Or. en

Emenda 73
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja involuti f'dawk il-proġetti, billi jipprovdu assistenza rigward il-konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli, jinformaw lill-pubbliku biex ***tiżdied l-aċċettazzjoni*** tal-proġetti u jiggwidaw lill-promoturi tal-proġetti fil-proċess tal-għoti tal-permessi.	(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja involuti f'dawk il-proġetti, billi jipprovdu assistenza rigward il-konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli, jinformaw lill-pubbliku biex ***jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u t-trasparenza*** tal-proġetti u jiggwidaw lill-promoturi tal-proġetti fil-proċess tal-għoti tal-permessi ***b'mod partikolari, billi jiżguraw il-konformità mal-istandards tas-saħħa, ambjentali, tas-sikurezza, soċjali u***

tax-xogħol tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 74
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Barra minn hekk, sabiex jiġu appoġġati aktar proġetti tal-prontezza tad-difiża filwaqt li titqies b'mod xieraq in-natura sensittiva ta' xi informazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tinkludi kwalunkwe proġett relatat mal-manifattura ta' prodotti mhux tad-difiża rilevanti għall-kriżi fuq il-Portal tas-Sovranità stabbilit mir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 75
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva, trasparenti u kumparabbli, il-prestazzjoni ta' punti uniċi ta' kuntatt jenħtieġ li jiġu vvalutata permezz ta' indikaturi u data komuni tal-Unjoni kollha miġbura.

Or. en

Emenda 76
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14b) Biex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' pjattaformi amministrattivi mhux ikkoordinati, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu għodod diġitali li jappoġġaw dan ir-Regolament li huma interoperabbli sabiex jippermettu l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni diġà sottomessa skont proċeduri tal-Unjoni jew nazzjonali oħra u joffru interfaċċa diġitali unika u faċli għall-utent, li tkun ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-SMEs u l-mid-caps.

Or. en

Emenda 77
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni ***tista'*** toffri appoġġ għall-bini tal-kapaċità lill-punt uniku ta' kuntatt, inkluż assistenza teknika, taħriġ, monitoraġġ u evalwazzjoni, bl-għan li jiġu żviluppati u msaħħa l-kapaċitajiet, il-proċessi u r-riżorsi li l-punti uniċi ta' kuntatt jeħtieġ jiżviluppaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Tali appoġġ jista' jintalab mill-Istati Membri u se jaqa' fl-ambitu tal-azzjonijiet ta' appoġġ fil-qafas tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea [għandha tiżdied referenza ladarba jiġi adottat l-EDIP].	(15) Il-Kummissjoni ***għandha, fuq talba minn Stat Membru,*** toffri appoġġ għall-bini tal-kapaċità lill-punt uniku ta' kuntatt, inkluż assistenza teknika, taħriġ, monitoraġġ u evalwazzjoni, bl-għan li jiġu żviluppati u msaħħa l-kapaċitajiet, il-proċessi u r-riżorsi li l-punti uniċi ta' kuntatt jeħtieġ jiżviluppaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Tali appoġġ jista' jintalab mill-Istati Membri u se jaqa' fl-ambitu tal-azzjonijiet ta' appoġġ fil-qafas tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea [għandha tiżdied referenza ladarba jiġi adottat l-EDIP].

Or. en

Emenda 78
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni ***tista'*** toffri appoġġ għall-bini tal-kapaċità lill-punt uniku ta' kuntatt, inkluż assistenza teknika, taħriġ, monitoraġġ u evalwazzjoni, bl-għan li jiġu żviluppati u msaħħa l-kapaċitajiet, il-proċessi u r-riżorsi li l-punti uniċi ta' kuntatt jeħtieġ jiżviluppaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Tali appoġġ jista' jintalab mill-Istati Membri u se jaqa' fl-ambitu tal-azzjonijiet ta' appoġġ fil-qafas tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea [għandha tiżdied referenza ladarba jiġi adottat l-EDIP].	(15) Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** toffri appoġġ għall-bini tal-kapaċità lill-punt uniku ta' kuntatt, inkluż assistenza teknika, taħriġ, monitoraġġ u evalwazzjoni, bl-għan li jiġu żviluppati u msaħħa l-kapaċitajiet, il-proċessi u r-riżorsi li l-punti uniċi ta' kuntatt jeħtieġ jiżviluppaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Tali appoġġ jista' jintalab mill-Istati Membri u se jaqa' fl-ambitu tal-azzjonijiet ta' appoġġ fil-qafas tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea [għandha tiżdied referenza ladarba jiġi adottat l-EDIP].

Or. en

Emenda 79
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Biex il-promoturi tal-proġetti u investituri oħra jingħataw is-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa ħalli jżidu l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proċess tal-għoti tal-permessi relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti taż-żmien stabbiliti.	(17) Biex il-promoturi tal-proġetti u investituri oħra jingħataw is-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa ħalli jżidu l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proċess tal-għoti tal-permessi relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti taż-żmien stabbiliti. ***It-tlestija f'dawn il-limiti taż-żmien għanfha tieħu l-forma ta' deċiżjoni motivata bil-miktub - jekk il-permess(i) rilevanti jingħatax/jingħatawx jew jiġix miċħud/jiġux miċħudin - innotifikata***

mill-punt uniku ta' kuntatt lill-promotur ta' proġett.

Or. en

Emenda 80
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Biex il-promoturi tal-proġetti u investituri oħra jingħataw is-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa ħalli jżidu l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proċess tal-għoti tal-permessi relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti taż-żmien stabbiliti.	(17) Biex il-promoturi tal-proġetti u investituri oħra jingħataw is-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa ħalli jżidu l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, ***b'mod partikolari dawk ta' natura kritika,*** jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proċess tal-għoti tal-permessi relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti taż-żmien stabbiliti.

Or. en

Emenda 81
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jiġu evitati d-disparitajiet fl-implimentazzjoni, ikun xieraq li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jipprovdu lill-Kummissjoni rapporti regolari li jistgħu jipprovdu stampa komprensiva tal-progress reali tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inkluż iż-żmien medju għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet u l-perċentwal ta' proġetti meqjusa eliġibbli skont dan ir-Regolament;

Or. it

Emenda 82
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jistgħu jkunu f'riskju mill-proġett tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri jistgħu jimponu awditu indipendenti mwettaq minn korp indipendenti li jkunu ħatru huma.

Or. en

Emenda 83
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li, minkejja l-iskedi ta' żmien aċċellerati għall-għoti tal-permessi, hemm konformità mar-rekwiżiti u l-kriterji kollha. F'dak ir-rigward, dawn jistgħu jwettqu awditi ex-post u monitoraġġ tal-proġetti tal-prontezza tad-difiża li jibbenefikaw mill-iskedi ta' żmien aċċellerati skont dan ir-Regolament sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess u l-aderenza kontinwa mal-kriterji u biex jiġi pprevenut kwalunkwe użu ħażin tal-proċedura tal-għoti tal-permessi aċċellerata.

Or. en

Emenda 84
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;	1. "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp***, it-tisħiħ u l-integrazzjoni*** tal-industrija tad-difiża***, il-kostruzzjoni jew l-immodernizzar ta' infrastrutturi kritiċi ta' produzzjoni u ttestjar, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet u teknoloġiji militari ġodda, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-persunal, kif ukoll l-akkwist, il-ħażna u l-manutenzjoni ta' tagħmir, materjali u riżorsi strateġikament rilevanti***;

Or. de

Emenda 85
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser ***sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija*** tad-difiża;	(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser ***faċilità kummerċjali ppjanata jew estensjoni jew għoti ta' skop ġdid lil faċilità eżistenti biex timmanifattura prodotti rilevanti għall-kriżi kif iddefinit skont l-Artikolu 2 tar-Regolament EDIP li ma humiex prodotti*** tad-difiża ***u li huma primarjament użati għall-produzzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża, jew prodotti relatati mad-difiża***;

Or. en

Emenda 86
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri ***mmirati*** lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;	(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser ***attività, investiment u miżura jew*** sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri***, inkluż it-tqegħid ta' prodott fis-suq, immirati*** lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;

Or. en

Emenda 87
Klara Dostalova, Jaroslava Pokorná Jermanová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;	(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża ***rikonoxxuti mill-Istat Membru f'konformità mal-prijoritajiet tas-sigurtà nazzjonali tiegħu***;

Or. en

Emenda 88
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;	(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża ***u tas-sigurtà***" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ***u tas-sigurtà*** ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;

Or. en

Emenda 89
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Anna Stürgkh, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;	(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri ***b'mod konġunt***, inkluż permezz tal-iżvilupp ***jew tal-immodernizzar*** tal-industrija tad-difiża;

Or. en

Emenda 90
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri ***mmirati lejn it-tisħiħ tal-prontezza*** tad-difiża ta' Stat Membru jew ta' diversi	(1) "proġett tal-prontezza tad-difiża" tfisser sett ta' attivitajiet, investimenti u miżuri ***li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa li jsaħħu l-prontezza*** tad-difiża ta'

Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;	Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża;

Or. en

Emenda 91
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "Proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi" tirreferi għal sett limitat ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża li jikkontribwixxu direttament għat-twettiq f'waqtu tal-erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali, kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030;

Or. en

Emenda 92
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) "prodotti relatati mad-difiża" tfisser prodotti relatati mad-difiża kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn dawn huma prodotti finali, komponenti speċifiċi jew materja prima użata primarjament;

Or. en

Emenda 93
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(1c) "użati primarjament" tfisser prodotti finali, komponenti speċifiċi jew materja prima tagħhom li ma humiex prodotti relatati mad-difiża, sa fejn dawn il-prodotti finali, komponenti u materja prima huma direttament użati fil-katina tal-provvista għall-produzzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża, abbażi tal-evidenza pprovduta lil awtorità kompetenti nazzjonali mill-promotur ta' proġett;**

Or. en

Emenda 94
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "industrija tad-difiża" tfisser l-impriżi kollha involuti fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fil-manifattura ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];	***imħassar***
[6] Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI:	

http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).

Or. en

Emenda 95
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "industrija tad-difiża" tfisser l-impriżi kollha involuti fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fil-manifattura ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];	(2) "industrija tad-difiża" tfisser l-impriżi kollha involuti fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fil-manifattura ***jew il-provvista*** ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] ***jew fil-provvista ta' servizzi li jsaħħu l-prontezza tad-difiża ta' Stat Membru wieħed jew aktar, kif ukoll l-impriżi li jikkontribwixxu għall-katina tal-valur tad-difiża permezz ta' komponenti, teknoloġiji jew servizzi essenzjali għall-prontezza tad-difiża***;
[6] Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).	6 Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).

Or. en

Emenda 96
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(2a) "sit ta' interess strateġiku għad-difiża": kwalunkwe infrastruttura operazzjonali, inkluż dik ġestita mill-SMEs, li tospita attivitajiet essenzjali għall-prontezza operazzjonali tal-inġenji tal-ajru tal-Istat u/jew tad-droni. Din l-attività tinkludi, iżda mhijiex limitata għal: l-iżvilupp, l-integrazzjoni, l-ittestjar, il-manutenzjoni, l-appoġġ loġistiku u t-tħejjija operazzjonali ta' tali assi użati f'operazzjonijiet militari, ta' sorveljanza, ta' tiftix u salvataġġ jew operazzjonijiet simili, taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' Stat Membru.

Or. it

Emenda 97
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jiżgura traċċabbiltà diġitali sħiħa tal-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet kollha biex tiġi ggarantita t-trasparenza, tiġi pprevenuta l-frodi u jkun permess monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Or. en

Emenda 98
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(3) "prontezza tad-difiża" tfisser l-istat ta' preparatezza ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri biex jirreaġixxu għal kriżi ddefinita fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], li tkun relatata mad-difiża;	***imħassar***
[7] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).	

Or. en

Emenda 99
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "prontezza tad-difiża" tfisser l-istat ta' preparatezza ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri biex jirreaġixxu għal kriżi ***ddefinita*** fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], li tkun relatata mad-difiża;	(3) "prontezza tad-difiża" tfisser l-istat ta' preparatezza ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri biex ***jantiċipaw, jipprevjenu jew*** jirreaġixxu għal kriżi ***kif iddefinit*** fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], li tkun relatata mad-difiża;
[7] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva	[7] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva

2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).	2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

Or. en

Emenda 100
Aurelijus Veryga, Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "prontezza tad-difiża" tfisser l-istat ta' preparatezza ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri biex jirreaġixxu għal kriżi ***ddefinita*** fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], li tkun relatata mad-difiża;	(3) "prontezza tad-difiża" tfisser l-istat ta' preparatezza ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri biex ***jantiċipaw, jipprevjenu jew*** jirreaġixxu għal kriżi ***kif iddefinit*** fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tkun relatata mad-difiża;
[7] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).	

Or. en

Emenda 101
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(3) "prontezza tad-difiża" tfisser l-istat ta' preparatezza ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri biex jirreaġixxu għal kriżi ddefinita fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], li tkun relatata mad-difiża;	(3) "prontezza tad-difiża" tfisser l-istat ta' preparatezza ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri biex ***jipprevjenu jew*** jirreaġixxu għal kriżi ddefinita fl-Artikolu 1(10) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], li tkun relatata mad-difiża;
[7] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).	[7] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

Or. en

Emenda 102
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "liċenzja għall-produzzjoni tad-difiża" tfisser kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva skont id-dritt nazzjonali li tagħti d-dritt li jiġu mmanifatturati prodotti jew komponenti tad-difiża, inklużi l-istabbiliment, l-espansjoni jew l-operazzjoni ta' faċilitajiet relatati, irrispettivament mid-dežinjazzjoni nazzjonali tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat li l-iskedi ta' żmien u l-"arloġġ uniku" japplikaw għall-konġestjonijiet reali, id-definizzjoni emendata tal-proċessi tal-għoti tal-permessi tkopri b'mod espliċitu l-għoti ta'

liċenzji għall-produzzjoni tad-difiża, biex dawn l-awtorizzazzjonijiet li jieħdu l-ħin jiġu pproċessati fil-proċedura kkoordinata u jibbenefikaw mill-istess skadenzi u ċertezza legali.

Emenda 103
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel darba li jsir disponibbli prodott fis-suq tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 104
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja" jew "mid-cap" tfisser ***kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]***;	(4) "kumpanija ***żgħira*** b'kapitalizzazzjoni medja" jew "mid-cap ***żgħira***" tfisser ***intrapriża li ma hijiex SME u li l-għadd ta' impjegati tagħha ma jaqbiżx l-499, ikkalkulat f'konformità mal-Artikoli 3 sa 6 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni (UE) 2025/1099, li l-fatturat annwali tagħha ma jaqbiżx il-EUR 100 miljun jew li l-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma taqbiżx is-EUR 86 miljun***;

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj).

Or. en

Emenda 105
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser intrapriżi kif definiti fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099[9]	***imħassar***
[9] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (ĠU L, 2025/1099, 28.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2025/1099/oj).	

Or. en

Emenda 106
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser intrapriżi ***kif definiti fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099[9]***	(5) "intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser intrapriżi ***li ma humiex intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, li jimpjegaw inqas minn 500 persuna, u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 100 miljun jew total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx is-***

EUR 86 miljun;

---

[9] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (ĠU L, 2025/1099, 28.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2025/1099/oj).

Or. en

Emenda 107
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "proċess tal-għoti tal-permessi" tfisser proċess li jkopri l-permessi rilevanti kollha, ***inkluż il-permessi meħtieġa għall-bini, l-espansjoni, il-konverżjoni u t-tħaddim ta' proġetti*** tal-prontezza tad-difiża ***u l-passi*** amministrattivi kollha ***meħtieġa*** mir-rikonoxximent ***li l-applikazzjoni hija kompluta*** san-notifika tad-deċiżjoni finali ***dwar dik l-applikazzjoni*** mill-punt uniku ta' kuntatt ***ikkonċernat***;	(6) "proċess tal-għoti tal-permessi" tfisser proċess li jkopri l-permessi***, l-approvazzjonijiet u l-liċenzji għall-produzzjoni tad-difiża*** rilevanti kollha, ***meħtieġa biex, fost l-oħrajn, jistabbilixxu, jibnu, jespandu, jikkonvertu, iħaddmu jew jagħtu skop ġdid lil kwalunkwe installazzjoni, tagħmir jew attività li tifforma parti minn proġett*** tal-prontezza tad-difiża***, flimkien mal-passi*** amministrattivi kollha mir-rikonoxximent ***tal-kompletezza tal-applikazzjoni*** san-notifika tad-deċiżjoni finali mill-punt uniku ta' kuntatt;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konġestjonijet tal-lum mhumiex biss fil-bini tal-fabbirki—huma fil-kisba tal-permess biex tagħmel sett ta' għodod għad-difiża u fl-aħħar parti tal-awtorizzazzjoni tiegħu għas-suq tal-UE. Billi jkopri b'mod espliċitu l-liċenzji tal-produzzjoni tad-difiża u l-awtorizzazzjonijiet marbuta mat-tqegħid tal-prodotti fis-suq, ir-Regolament joħloq proċedura rapida unika minn tarf sa tarf.

Emenda 108
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "proċess tal-għoti tal-permessi" tfisser proċess li jkopri l-permessi rilevanti kollha, ***inkluż il-permessi meħtieġa*** għall-bini, l-espansjoni, il-konverżjoni u t-tħaddim ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża ***u l-passi amministrattivi kollha meħtieġa*** mir-rikonoxximent li l-applikazzjoni hija kompluta san-notifika tad-deċiżjoni ***finali*** dwar ***dik l-applikazzjoni*** mill-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat;	(6) "proċess tal-għoti tal-permessi" tfisser proċess li jkopri l-permessi rilevanti kollha, għall-bini, l-espansjoni, il-konverżjoni u t-tħaddim ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża***, inklużi valutazzjonijiet ambjentali u awtorizzazzjonijiet meta meħtieġa, u l-inklużjoni tal-applikazzjonijiet u l-proċeduri kollha*** mir-rikonoxximent li l-applikazzjoni hija kompluta san-notifika tad-deċiżjoni ***komprensiva*** dwar ***l-eżitu tal-proċedura*** mill-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat;

Or. en

Emenda 109
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "promotur ta' proġett" tfisser kwalunkwe impriża jew konsorzju ta' ***impriżi*** li ***jiżviluppaw*** proġett tal-prontezza tad-difiża;	(7) "promotur ta' proġett" tfisser kwalunkwe impriża***, investitur*** jew konsorzju ***tagħhom*** li ***jiżviluppa jew jimplimenta*** proġett tal-prontezza tad-difiża;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni attwali ta' "promotur ta' proġett" hija limitata għal "kwalunkwe impriża jew konsorzju ta' impriżi li jiżviluppaw proġett tal-prontezza tad-difiża." Filwaqt li din il-formulazzjoni tirrifletti d-definizzjonijiet użati f'atti tal-politika industrijali oħra, bħall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, it-twessigħ

tad-definizzjoni jiżgura ċertezza legali, jippermetti lill-atturi rilevanti kollha jibbenefikaw minn proċeduri tal-għoti tal-permessi ssimplifikati, u jallinja r-Regolament mal-istruttura operazzjonali tas-settur tad-difiża tal-Ewropa.

Emenda 110
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "Assi tal-Produzzjoni tad-Difiża Ewlenin" tfisser kapaċitajiet, faċilitajiet u teknoloġiji industrijali essenzjali għall-produzzjoni, l-ittestjar u l-varar ta' kapaċitajiet tad-difiża, inkluż iżda mhux limitat għall-munizzjon, is-sistemi tal-art u l-infrastruttura relatata.

Or. en

Emenda 111
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) "Kooperazzjoni Industrijali tad-Difiża Strateġika" tfisser kollaborazzjoni strutturata bejn l-impriżi jew l-Istati Membri li għandha l-għan li ssaħħaħ il-prontezza tad-difiża permezz ta' impriżi konġunti, trasferiment tat-teknoloġija, infrastruttura kondiviża, akkwist ikkoordinat jew forom oħra ta' integrazzjoni industrijali.

Or. en

Emenda 112

Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Rekwiżiti minimi
	Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti proċedurali minimi. L-Istati Membri jistgħu iżommu jew jintroduċu miżuri aktar favorevoli biex jissimplifikaw l-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inklużi limiti ta' żmien iqsar, użu usa' ta' skiet huwa ugwali għall-kunsens, jew koordinazzjoni msaħħa permezz tal-punt uniku ta' kuntatt, dment li tali miżuri huma f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 113
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Punt uniku ta' kuntatt	***Punti uniċi*** ta' kuntatt

Or. en

Emenda 114
Klara Dostalova, Jaroslava Pokorná Jermanová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa …[3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], kull Stat	1. Sa …[3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], kull Stat

Membru għandu jistabbilixxi jew jaħtar ***awtorità waħda bħala*** punt uniku ta' kuntatt fil-livell amministrattiv rilevanti.	Membru għandu jistabbilixxi jew jaħtar punt uniku ta' kuntatt fil-livell amministrattiv rilevanti. ***Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jaħdem bħala interfaċċa unika għal kull proġett tal-prontezza tad-difiża. Il-punt uniku ta' kuntatt jista' jkun stabbilit bħala awtorità amministrattiva jew bħala entità diġitali maħtura mill-Istat Membru għal dak l-iskop.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa biex jiċċara li l-punt uniku huwa interfaċċa li tista' titħaddem direttament mill-awtorità rispettiva jew minn entità diġitali u anke biex jisħaq li jista' jkun hemm aktar minn punt uniku ta' kuntatt wieħed skont is-sistema tad-diviżjoni amministrattiva tal-kompetenzi tal-Istat.

Emenda 115
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa …[3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jaħtar awtorità waħda bħala ***punt uniku*** ta' kuntatt fil-livell amministrattiv rilevanti.	1. Sa …[3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jaħtar awtorità waħda ***jew aktar*** bħala ***punti uniċi*** ta' kuntatt fil-livell amministrattiv rilevanti.

Or. en

Emenda 116
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta Stat Membru jistabbilixxi

jew jaħtar aktar minn punt uniku ta' kuntatt wieħed skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jipprovdi l-għodod biex jgħin lill-promoturi ta' proġetti jidentifikaw il-punt ta' kuntatt stabbilit jew maħtur xieraq fuq il-paġna web online maħluqa f'konformità mal-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 117
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jkun responsabbli li jiffaċilita u jikkoordina l-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża u li jipprovdi informazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 3, inkluż l-informazzjoni dwar meta applikazzjoni titqies kompluta f'konformità mal-Artikolu 5(6), lill-promotur tal-proġett.	2. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jkun responsabbli li jiffaċilita u jikkoordina l-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża u li jipprovdi informazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 3, inkluż l-informazzjoni dwar meta applikazzjoni titqies kompluta f'konformità mal-Artikolu 5(6), lill-promotur tal-proġett. ***Fuq talba tal-promotur ta' proġett , il-punt uniku ta' kuntatt għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dwar jekk il-proġett jistax jiġi kkunsidrat bħala proġett tal-prontezza tad-difiża skont dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 118
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jitħallew jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess tal-għoti tal-permessi f'forma elettronika.	4. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jitħallew jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess tal-għoti tal-permessi f'forma elettronika. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-iskambju diġitali tad-dokumentazzjoni bejn l-awtorità nazzjonali, il-punt uniku ta' kuntatt u l-promoturi ta' proġetti, minbarra dokumentazzjoni rregolata mid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li d-dokumentazzjoni tiġi skambjata b'mod diġitali bejn l-atturi kollha involuti fil-proċess tal-għoti tal-permessi, li jtejjeb l-effiċjenza, it-traċċabbiltà u l-koordinazzjoni, filwaqt li jissalvagwardja informazzjoni kklassifikata. Din tikkomplementa d-dispożizzjoni eżistenti dwar is-sottomissjonijiet elettroniċi u tappoġġja l-objettiv tar-Regolament li jissimplifika l-proċeduri amministrattivi.

Emenda 119
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jitħallew jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess tal-għoti tal-permessi f'forma elettronika.	4. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jitħallew ***u jkunu permessi*** jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess tal-għoti tal-permessi f'forma elettronika ***permezz ta' portal sigur interoperabbli***.

Or. en

Emenda 120
Virginie Joron, Pierre-Romain Thionnet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jitħallew jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess tal-għoti tal-permessi f'forma elettronika.	4. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jitħallew ***u jiġu mħeġġa*** jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess tal-għoti tal-permessi f'forma elettronika.

Or. en

Emenda 121
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta l-portal online interoperabbli ma jkunx disponibbli fil-mument tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jipprevedi kanal ta' sottomissjoni alternattiv (punt uniku fiżiku jew postali) mingħajr ma jdewwem il-limiti ta' żmien skont l-Artikolu 5 u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bi pjan marbut maż-żmien li jenħtieġ li ma jaqbiżx is-6 xhur biex jikseb kapaċità sħiħa ta' pproċessar elettroniku; il-bini tal-kapaċitajiet jista' jkun appoġġat skont l-EDIP meta applikabbli.

Or. en

Emenda 122
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe studju rilevanti mwettaq, jew permess jew awtorizzazzjoni rilevanti maħruġa, għal proġett speċifiku jitqiesu u li ma jkunu meħtieġa ebda studji, permessi jew awtorizzazzjonijiet doppji, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor skont id-dritt tal-Unjoni ***jew*** dak nazzjonali.	5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe studju rilevanti mwettaq, jew permess jew awtorizzazzjoni rilevanti maħruġa, għal proġett speċifiku jitqiesu u li ma jkunu meħtieġa ebda studji, permessi jew awtorizzazzjonijiet doppji, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor skont ***id-dritt nazzjonali jew*** tal-Unjoni***. Għal dik l-iskop, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jikkoordina l-ġbir tal-opinjonijiet jew id-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa skont*** id-dritt nazzjonali***, filwaqt li jiżgura li tali opinjonijiet jiġu integrati fil-proċess tal-għoti tal-permessi u, meta applikabbli, jissostitwixxi permessi separati jew kunsensi meħtieġa skont proċeduri oħra***.
	Or. en

Emenda 123
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe studju rilevanti mwettaq, jew permess jew awtorizzazzjoni rilevanti maħruġa, għal proġett speċifiku jitqiesu u li ma jkunu meħtieġa ebda studji, permessi jew awtorizzazzjonijiet doppji, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.	5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe studju rilevanti mwettaq, jew permess jew awtorizzazzjoni rilevanti maħruġa, għal proġett speċifiku jitqiesu u li ma jkunu meħtieġa ebda studji, permessi jew awtorizzazzjonijiet doppji, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali. ***Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha biex tiġi ffaċilitata l-proċedura rapida.***
	Or. en

Emenda 124
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti kollha ***responsabbli għal kwalunkwe pass tul il-proċessi tal-għoti tal-permessi, inkluż il-passi proċedurali kollha, ikollhom*** biżżejjed persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u ***teknoloġiċi*** suffiċjenti ***meħtieġa***, inkluż, fejn xieraq, ***għat-titjib*** tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet, biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.	6. ***L-Istati Membri għandhom jaħtru bħala punt uniku ta' kuntatt awtorità ta' koordinazzjoni bil-pożizzjoni istituzzjonali, is-setgħat legali u l-għodod meħtieġa biex torganizza u tmexxi l-proċess tal-għoti tal-permessi, inkluża s-setgħa li tistabbilixxi u timmonitorja kalendarju proċedurali, titlob l-informazzjoni meħtieġa minn awtoritajiet kompetenti u applikanti, timmaniġġja fajl tal-każ elettroniku uniku u tittrażmetti d-deċiżjoni kkonsolidata.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti kollha ***involuti jkollhom*** biżżejjed persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u ***diġitali*** suffiċjenti, inkluż, fejn xieraq, ***it-titjib*** tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet, biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 125
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-funzjonament effettiv tal-punti uniċi ta' kuntatt għandu jkun akkumpanjat minn indikaturi tal-prestazzjoni (KPIs) Ewropej, f'konformità ma' prattiki ta' regolamentazzjoni aħjar, inkluż tnaqqis ta' 30 % fiż-żmien medju għall-għoti intra-UE fil-każ ta' kategoriji ta' awtorizzazzjonijiet prijoritarji u l-

għadd ta' SMEs li jibbenefikaw minn proċeduri rapidi. L-inklużjoni ta' parametri referenzjarji kwantitattivi tiżgura l-konsistenza u l-obbligu ta' rendikont fl-implimentazzjoni tar-Regolament.

Or. it

Emenda 126
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet involuti fil-proċess tal-għoti tal-permessi u awtoritajiet oħra kkonċernati għandhom jispeċifikaw u jagħmlu disponibbli għall-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat, ir-rekwiżiti u l-informazzjoni kollha mitluba minn promotur tal-proġett qabel ma jibda l-proċess tal-għoti tal-permessi.	7. L-awtoritajiet involuti fil-proċess tal-għoti tal-permessi u awtoritajiet oħra kkonċernati għandhom jispeċifikaw u jagħmlu disponibbli għall-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat, ir-rekwiżiti u l-informazzjoni kollha mitluba minn promotur tal-proġett qabel ma jibda l-proċess tal-għoti tal-permessi. ***Il-punti uniċi ta' kuntatt għandhom jagħmlu disponibbli wkoll id-dokumenti rilevanti u meħtieġa tal-promotur ta' proġett lill-awtoritajiet, meta meħtieġ fil-proċess tal-għoti tal-permessi.***

Or. en

Emenda 127
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fuq talba minn Stat Membru, ***il-Kummissjoni tista' tassisti lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fil-bini tal-***	8. Fuq talba ***għal assistenza*** minn Stat Membru, ***inkluż għall-istabbiliment*** jew ***l-operat*** ta' punt uniku ta' kuntatt***, il-***

kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment jew ***fl-operat*** ta' punt uniku ta' kuntatt.	***Kummissjoni għandha tittratta dik it-talba bħala prijorità u tibda l-implimentazzjoni mingħajr dewmien żejjed f'kooperazzjoni mal-Istat Membru li jagħmel it-talba. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi fi żmien 30 jum mill-wasla - jew, meta t-talba tkun debitament iġġustifikata bħala kumplessa, fi żmien 60 jum - pjan ta' azzjoni bil-miktub li jistabbilixxi l-ambitu, l-istadji importanti u l-istrumenti ta' appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet.***

Or. en

Emenda 128
Virginie Joron, Pierre-Romain Thionnet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni ***tista'*** tassisti lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fil-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment jew fl-operat ta' punt uniku ta' kuntatt.	8. Fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni ***għandha*** tassisti lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fil-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment jew fl-operat ta' punt uniku ta' kuntatt. ***Il-Kummissjoni ma għandhiex tinteferixxi ma' proċessi tal-għoti tal-permessi li jibqgħu l-kompetenza unika tal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 129
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Anna Stürgkh, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

8. Fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni ***tista'*** tassisti lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fil-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment jew fl-operat ta' punt uniku ta' kuntatt.	8. Fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni ***għandha*** tassisti lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fil-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment jew fl-operat ta' punt uniku ta' kuntatt.

Or. en

Emenda 130
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni ***tista'*** tassisti lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fil-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment jew fl-operat ta' punt uniku ta' kuntatt.	8. Fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni ***għandha*** tassisti lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru fil-bini tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment jew fl-operat ta' punt uniku ta' kuntatt.

Or. en

Emenda 131
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Fi Stati Membri bi struttura amministrattiva federali jew inkella deċentralizzata, l-obbligu li jiġi stabbilit punt uniku ta' kuntatt għandu jinftiehem bħala li jiżgura interfaċċa kkoordinata u ssimplifikata għal kull proġett tal-prontezza tad-difiża. L-Istati Membri jistgħu jaħtru aktar minn awtorità

kompetenti waħda bħala punti uniċi ta' kuntatt, meta dan ikun meħtieġ biex jirrifletti l-organizzazzjoni amministrattiva tagħhom, dment li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi u li l-promoturi ta' proġetti jkollhom awtorità ta' koordinazzjoni waħda identifikata b'mod ċar li taġixxi bħala l-interfaċċa unika għal kull proġett.

Or. en

Emenda 132
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi li għandhom dimensjoni transfruntiera b'mod partikolari, għandhom jiġu appoġġati minn kooperazzjoni reġjonali strutturata bejn il-punti uniċi ta' kuntatt nazzjonali rilevanti jew permezz tal-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt transfruntier konġunt. Fuq talba, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi assistenza lill-punti uniċi ta' kuntatt fl-iffaċilitar tat-twaqqif ta' tali kooperazzjoni.

Or. en

Emenda 133
Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi

assistenza teknika u finanzjarja mmirata, inkluż permezz tal-Programm tal-Industrija tad-Difiża Ewropew u l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, lill-Istati Membri b'kapaċità amministrattiva limitata biex jistabbilixxu jew joperaw il-punt uniku ta' kuntatt b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 134
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża jkun transfruntier fl-UE, għandhom jiġu żgurati n-notifika u l-koordinazzjoni fil-pront mill-punt uniku ta' kuntatt mal-punti uniċi ta' kuntatt ta' Stati Membri kkonċernati oħra. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti uniċi ta' kuntatt ikollhom protokolli għall-iskambju ta' informazzjoni u riferiment f'waqthom f'tali każijiet, mingħajr preġudizzju għas-sigurtà nazzjonali u r-regoli tal-kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 135
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-iżvilupp ta' indikaturi u metodoloġiji komuni biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-

punti uniċi ta' kuntatt, abbażi tad-data rrapportata kull sena skont l-Artikolu 8b (ġdid). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti uniċi ta' kuntatt jiġbru, jipproċessaw u jittrażmettu informazzjoni rilevanti b'mod konsistenti u f'waqtu, biex jikkontribwixxu għal monitoraġġ trasparenti u kumparabbli tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 136
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess pubbliku għall-informazzjoni li ġejja dwar il-proċessi tal-għoti tal-permessi rilevanti għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, online u b'mod ċentralizzat u faċilment aċċessibbli:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess pubbliku għall-informazzjoni li ġejja dwar il-proċessi tal-għoti tal-permessi rilevanti għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, online u b'mod ċentralizzat u faċilment aċċessibbli***, sa fejn tali pubblikazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għas-sigurtà nazzjonali u b'kunsiderazzjoni xierqa għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li t-trasparenza hija importanti, id-divulgazzjoni pubblika tal-informazzjoni ma għandhiex tikkompromietti s-sigurtà nazzjonali jew tirriżulta fit-tfixkil jew il-kumplikazzjoni bla bżonn tal-proġett, inkluż billi jiġi espost għal influwenza esterna.

Emenda 137
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proċess tal-għoti tal-permessi, inkluż l-informazzjoni dwar is-soluzzjoni tat-tilwim li tikkonċerna l-proċess tal-għoti tal-permessi inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, jekk tali proċeduri jkunu previsti mid-dritt nazzjonali;	(b) il-proċess tal-għoti tal-permessi, inkluż l-informazzjoni ***dwar l-għoti ta' liċenzji għall-produzzjoni tad-difiża u*** dwar is-soluzzjoni tat-tilwim li tikkonċerna l-proċess tal-għoti tal-permessi inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, jekk tali proċeduri jkunu previsti mid-dritt nazzjonali;

Or. en

Emenda 138
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-possibbiltajiet tal-finanzjament fil-livell tal-Unjoni ***jew*** tal-Istati Membri;	(d) il-possibbiltajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni ***u*** tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 139
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) mekkaniżmi għall-iżgurar tat-trasparenza u l-protezzjoni kontra l-frodi, inkluża l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar proġetti awtorizzati, benefiċjarji u appoġġ pubbliku allokat;

Or. en

Emenda 140
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) linji gwida u mudelli għal applikazzjonijiet għal permessi standardizzati, disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 141
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) standards ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza applikabbli.

Or. en

Emenda 142
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-aċċess online għal tali informazzjoni għandu jkun strutturat b'tali mod li l-operaturi u l-awtoritajiet ikollhom linji gwida ċari f'każ ta' kriżi fil-katina tal-provvista. Dan jiffaċilita l-prijoritizzazzjoni rapida tal-proġetti b'impatt strateġiku fuq il-ktajjen tal-

provvista kritiċi.

Or. it

Emenda 143
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ amministrattiv għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, involuti f'dawk il-proġetti, inkluż billi jipprovdu:	L-Istati Membri***, permezz tal-punt uniku ta' kuntatt u tal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati,*** għandhom jipprovdu appoġġ amministrattiv għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, involuti f'dawk il-proġetti, inkluż billi jipprovdu:

Or. it

Emenda 144
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ amministrattiv għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, ***inklużi l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja***, involuti f'dawk il-proġetti, inkluż billi jipprovdu:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ amministrattiv għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jinsabu fit-territorju tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-SMEs u lill-kumpaniji ***żgħar*** b'kapitalizzazzjoni medja, involuti f'dawk il-proġetti, inkluż billi jipprovdu:

Or. en

Emenda 145
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) assistenza lill-promoturi ta' proġetti tul il-proċess tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-SMEs u l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.	(c) assistenza lill-promoturi ta' proġetti tul il-proċess tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-SMEs u l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja***, bil-għan li titrawwem konformità shiha ma' standards tas-saħħa, ambjentali, tas-sikurezza, soċjali u tax-xogħol tal-Unjoni u nazzjonali***.

Or. en

Emenda 146
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) assistenza għal promoturi ta' proġetti li jikkontribwixxu għal proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi li għandhom dimensjoni transfruntiera b'mod partikolari, inkluż permezz ta' kooperazzjoni strutturata bejn il-punti uniċi ta' kuntatt nazzjonali rilevanti jew l-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt reġjonali konġunt.

Or. en

Emenda 147
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-iżgurar li l-promoturi ta' proġetti kollha, irrispettivament mill-Istat Membru li huma stabbiliti fih, ikollhom aċċess ugwali għall-informazzjoni, il-gwida u l-appoġġ relatati mal-proċess tal-għoti tal-permessi u għal strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni jew nazzjonali disponibbli;

Or. en

Emenda 148
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) appoġġ iddedikat għal proġetti ta' kooperazzjoni industrijali tad-difiża strateġika, inklużi servizzi konsultattivi legali, finanzjarji u tekniċi;

Or. en

Emenda 149
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni turi fuq il-Portal tas-Sovranità skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2024/795, kwalunkwe proġett tal-prontezza tad-difiża li jinsab

fit-territorju tagħhom u li hu relatat ma' prodotti rilevanti għall-kriżi li ma humiex prodotti tad-difiża u li huma primarjament użati għall-produzzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 150
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) l-Istati Membri li jagħtu permessi lil promotur ta' proġett partikolari minflok promotur ta' proġett b'għanijiet simili, jeħtiġilhom ikunu kapaċi jipprovdu raġunijiet oġġettivi, f'waqthom u trasparenti għall-għoti ta' dawk il-permessi, b'mod partikolari meta l-applikant bla suċċess ikun SME jew intrapriża żgħira b'kapitalizzazzjoni medja li tikkontribwixxi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi.

Or. en

Emenda 151
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) assistenza fin-navigazzjoni tal-għoti tal-permessi transfruntiera u l-koordinazzjoni għal assi tal-produzzjoni tad-difiża ewlenin.

Or. en

Emenda 152
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Biex jiġi żgurat li intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u mid-caps jibbenefikaw b'mod effettiv mill-proċeduri tal-għoti tal-permessi ssimplifikati u aċċellerati stabbiliti minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jintegraw mekkaniżmi ta' appoġġ għall-SMEs fil-punt uniku ta' kuntatt. Dawn għandhom jinkludu uffiċċju ddedikat għall-SMEs li jipprovdi gwida mfassla apposta u servizzi konsultattivi bikrin, mudelli u listi ta' kontroll standardizzati, għodod ta' sottomissjoni u traċċar diġitali, u informazzjoni dwar strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jiżgura rekwiżiti ta' dokumentazzjoni ċari u skedi ta' żmien trasparenti biex jippermetti lill-atturi iżgħar jipparteċipaw b'mod effettiv u mingħajr piż amministrattiv sproporzjonat.

Or. en

Emenda 153
Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SMEs, il-mid-caps u l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, b'mod partikolari dawk ibbażati f'reġjuni inqas

żviluppati jew tal-fruntiera, jirċievu appoġġ amministrattiv ta' prijorità, aċċess għall-informazzjoni u opportuniatjiet biex jieħdu sehem fi proġetti tal-prontezza tad-difiża ffinanzjati mill-UE.

Or. en

Emenda 154
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Protezzjoni tal-interessi finanzjarju tal-Unjoni
	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni meta jimplimentaw dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jipprevjenu, jiskopru u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 u billi jiżguraw il-kooperazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali kompetenti mal-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), meta applikabbli.

Or. en

Emenda 155
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Durata tal-proċess tal-għoti tal-permessi	***Forma u*** durata tal-proċess tal-għoti tal-permessi

Or. en

Emenda 156
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' proġetti ta' manifattura bħala proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jiġu sottomessi mill-promotur ta' proġett lill-Istat Membru rilevanti, u għandhom jinkludu evidenza tal-iskop uniku tad-difiża. B'mod partikolari, għal proġett tal-prontezza tad-difiża potenzjali relatat ma' prodotti rilevanti għall-kriżi, l-applikazzjoni għandha tinkludi evidenza rilevanti li turi li l-output industrijali se jkun primarjament użat għal prodotti relatati mad-difiża.

Or. en

Emenda 157
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1a. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-applikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu permezz ta' proċess ġust u trasparenti fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta. Proġetti li ma jissodisfawx il-kriterji għandhom jitqiesu inammissibbli.

Or. en

Emenda 158
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ***ma għandux jaqbeż [60] jum***.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ***għandu jippermetti biżżejjed żmien biex tiġi ggarantita analiżi bir-reqqa u diliġenza dovuta. Il-proċess għandu jkun mingħajr preġudizzju għal valutazzjoni tal-impatt u tar-riskju tajba kemm fuq il-konsegwenzi soċjali kif ukoll dawk ambjentali, u jinkludi konsultazzjoni demokratika tal-popolazzjonijiet affettwati***.

Or. en

Emenda 159
György Hölvényi, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux ***jaqbeż [60]*** jum***.***	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux ***ikun iqsar minn [90]*** jum***, li jista' jiġi sospiż jew estiż f'każijiet debitament iġġustifikati; Id-durata ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali ma għandhiex tingħadd fil-limitu ta' żmien;***

Or. en

Emenda 160
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [***60***] jum.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [***45***] jum. ***F'każijiet debitament iġġustifikati relatati mas-sigurtà nazzjonali jew il-protezzjoni ambjentali, il-proċess jista' jiġi estiż darba b'massimu ta' 30 jum.***

Or. en

Emenda 161
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [60] jum.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [60] jum ***tax-xogħol mid-data meta l-kompletezza tal-applikazzjoni tkun ġiet rikonoxxuta mill-punt uniku ta' kuntatt***.

Or. en

Emenda 162
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [60] jum.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [60] jum. ***Għal proġetti li jinvolvu assi tal-produzzjoni tad-difiża ewlenin, il-proċess ma għandux jaqbeż [30] jum.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis tad-durata massima għal proġetti strateġiċi li jinvolvu assi tal-produzzjoni tad-difiża ewlenin jirrifletti l-ħtieġa urġenti li tiżdied il-produzzjoni tad-difiża tal-Ewropa. Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, id-dewmien fl-għoti tal-permessi direttament ixekkel il-kapaċità tal-UE li twieġeb għal theddid u tappoġġja l-prontezza tal-Istati Membri.

Emenda 163
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [***60***] jum.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti ***jew l-għoti ta' liċenzji tal-produzzjoni tad-difiża***, ma għandux jaqbeż [***45***] jum ***mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 164
Aurelijus Veryga, Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma

għandux jaqbeż [***60***] jum.

għandux jaqbeż [***180***] jum.

Or. en

Emenda 165
Bart Groothuis, Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Engin Eroglu, Morten Løkkegaard, Hilde Vautmans, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Svenja Hahn, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [***60***] jum.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [***50***] jum.

Or. en

Emenda 166
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż ***[60] jum***.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż ***9 xhur***.

Or. en

Emenda 167
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, ***inkluż l-għoti tal-permess rilevanti***, ma għandux jaqbeż [60] jum.	1. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, ***inkluża n-notifika tal-eżitu finali***, ma għandux jaqbeż [60] jum.

Or. it

Emenda 168
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża jinvolvi modifika jew estensjoni ta' faċilità eżistenti diġà awtorizzata skont id-dritt nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bil-bidla proposta. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk il-modifika tirrikjedix permess ġdid jew aġġornat, jew jekk tistax tipproċedi skont l-awtorizzazzjoni eżistenti, dment li l-istandards ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza ma jiġux affettwati.

Or. en

Emenda 169
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża kritiċi, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti,

	ma għandux jaqbeż 3 xhur.

Or. en

Emenda 170
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta jagħtu permess, l-awtoritajiet għandhom iqisu l-prinċipju "la tagħmilx ħsara" u jwettqu valutazzjonijiet tajbin tal-impatt u tar-riskju.

Or. en

Emenda 171
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża jirrikjedi l-kostruzzjoni ta' diversi faċilitajiet jew unitajiet f'sit wieħed, il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta' kuntatt jistgħu jaqblu li l-proġett jinqasam f'diversi proġetti iżgħar għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 172
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża ***jirrikjedi l-kostruzzjoni ta'*** diversi faċilitajiet jew ***unitajiet f'sit wieħed***, il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta' kuntatt jistgħu jaqblu li ***l-proġett jinqasam f'diversi proġetti iżgħar*** għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli.	2. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża ***jikkonsisti minn*** diversi ***komponenti,*** faċilitajiet jew ***fażijiet distinti, kemm jekk jinsabu f'sit uniku kif ukoll fuq bosta siti***, il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta' kuntatt jistgħu***, meta ġġustifikat mill-karatteristiċi tekniċi jew amministrattivi tal-proġett,*** jaqblu li ***jipproċessaw dawn il-komponenti bħala subproġetti separati*** għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli. ***F'każijiet iġġustifikati sewwa, u meta meħtieġ biex jiġi żgurat skrutinju mill-awtoritajiet tas-sigurtà u l-kontro-intelligence, il-punt uniku ta' kuntatt jista' jaqsam il-proċessi tal-għoti ta' kwalunkwe liċenzja għall-produzzjoni tad-difiża f'fergħa proċedurali separata.***

Or. en

Emenda 173
Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża jirrikjedi l-kostruzzjoni ta' diversi faċilitajiet jew unitajiet f'sit wieħed, il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta' kuntatt jistgħu jaqblu li ***l-proġett*** jinqasam f'diversi proġetti iżgħar għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli.	2. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża jirrikjedi l-kostruzzjoni ta' diversi faċilitajiet jew unitajiet f'sit wieħed***:*** ***a. il-proċess tal-għoti tal-permessi, inkluż l-għoti tal-permess rilevanti, ma għandux jaqbeż [90] jum; jew*** ***b.*** il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta'

kuntatt jistgħu jaqblu li ***tali proġett*** jinqasam f'diversi proġetti iżgħar għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli ***fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proġetti tad-difiża kumplessi jirrikjedu limiti ta' żmien itwal, għalhekk nissuġġerixxu l-introduzzjoni ta' approċċ fuq żewġ livelli, b'mod simili għall-NZIA, biex ikun permess għal dawn li jiġu pproċessati b'mod sħiħ u f'konformità mal-limiti ta' żmien.

Emenda 174
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta*** proġett tal-prontezza tad-difiża ***jirrikjedi l-kostruzzjoni*** ta' diversi faċilitajiet jew unitajiet f'sit wieħed, il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta' kuntatt jistgħu jaqblu li l-proġett jinqasam f'diversi proġetti iżgħar għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli.	2. ***F'każijiet eċċezzjonali u mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jivvalutaw b'mod sħiħ u komprensiv il-konformità mad-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali u jekk*** proġett tal-prontezza tad-difiża ***jirrikjedix il-kostruzzjoni*** ta' diversi faċilitajiet jew unitajiet f'sit wieħed, il-promotur tal-proġett u l-punt uniku ta' kuntatt jistgħu jaqblu li l-proġett jinqasam f'diversi proġetti iżgħar għall-finijiet ta' konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli.

Or. en

Emenda 175
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-proġett propost jirrikjedu dan, Stat Membru jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 darba b'massimu ta' ***30*** jum, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.	3. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-proġett propost jirrikjedu dan, Stat Membru jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 darba b'massimu ta' ***90*** jum, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.

Or. en

Emenda 176
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura***, il-kumplessità***, il-post jew id-daqs tal-proġett propost jirrikjedu dan, Stat Membru jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 darba b'massimu ta' 30 jum, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.	3. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-post jew id-daqs tal-proġett propost jirrikjedu dan, Stat Membru jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 darba b'massimu ta' 30 jum ***tax-xogħol***, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.

Or. en

Emenda 177
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. F'każijiet eċċezzjonali u meta ġġustifikat mill-kumplessità tal-proġett tal-prontezza tad-difiża propost, Stat Membru jista' jissospendi l-proċess tal-għoti tal-permessi għal perjodu ta' żmien raġonevoli biex ilesti l-analiżi meħtieġa.

Or. en

Emenda 178
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'60 jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 179
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru ***jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan*** jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'60 jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.	4. Meta ***debitament iġġustifikat minn raġunijiet ta' sigurtà jew sikurezza,*** Stat Membru jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'60 jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 180
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża ***jqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa*** u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, ***u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista'*** jestendi ***l-limiti*** ta' żmien ***imsemmija*** fil-paragrafu 1 b'60 ***jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi***.	4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża ***joħloq riskju serju għall-ambjent jew is-saħħa*** u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, ***għandu jitwettaq awditu indipendenti minn korp indipendenti maħtur mill-Istat Membri. F'dan il-każ, Stat Membru jista'*** jestendi ***għal darba l-limitu*** ta' żmien ***imsemmi*** fil-paragrafu 1 b'60 ***jum tax-xogħol. L-awditu indipendenti għandu jikkonferma li l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa kollha jikkonformaw bis-sħiħ mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali dwar standards ambjentali, tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol***.

Or. en

Emenda 181
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji ***eċċezzjonali*** għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'60 jum, fi żmien 30 jum mill-	4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji ***sinifikanti*** għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, ***jew li x'aktarx se jkollu effetti sinifikanti fuq l-ambjent*** u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista' jestendi l-limiti ta' żmien

bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.	imsemmija fil-paragrafi 1 b'60 jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 182
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'60 jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.	4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali***, jew hija meħtieġa approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali speċifika***, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'60 jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 183
Bart Groothuis, Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Engin Eroglu, Morten Løkkegaard, Hilde Vautmans, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Svenja Hahn, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista'	4. Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett tal-prontezza tad-difiża jqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista'

jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'***60*** jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.	jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 b'***50*** jum, fi żmien 30 jum mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 184
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fl-applikazzjoni tal-paragrafu 3 jew 4, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jinforma lill-promotur tal-proġett bil-miktub bir-raġunijiet għall-estensjoni u bid-data meta d-deċiżjoni finali tkun mistennija bil-miktub.	5. Fl-applikazzjoni tal-paragrafu 3***, 3a*** jew 4, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jinforma lill-promotur tal-proġett bil-miktub bir-raġunijiet għall-estensjoni u bid-data meta d-deċiżjoni finali tkun mistennija bil-miktub.

Or. en

Emenda 185
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fl-applikazzjoni tal-paragrafu ***3 jew 4***, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jinforma lill-promotur tal-proġett bil-miktub bir-raġunijiet għall-estensjoni u bid-data meta d-deċiżjoni finali tkun mistennija bil-miktub.	5. Fl-applikazzjoni tal-paragrafu ***2 jew 3***, il-punt uniku ta' kuntatt għandu jinforma lill-promotur tal-proġett bil-miktub bir-raġunijiet għall-estensjoni u bid-data meta d-deċiżjoni finali tkun mistennija bil-miktub.

Or. en

Emenda 186
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mhux aktar tard minn 15-il jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, jitlob lill-promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista', fi żmien [15-il] jum mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata. ***Id-data tar-rikonoxximent mill-punt uniku ta' kuntatt ta' jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi għal dik l-applikazzjoni partikolari.***	6. Mhux aktar tard minn 15-il jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, jitlob lill-promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista', fi żmien [15-il] jum mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imressqa hawn taħt b'referenza espliċita għall-VI ambjentali għal aktar ċarezza.

Emenda 187
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

6. Mhux aktar tard minn 15-il jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, jitlob lill-promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista', fi żmien [15-il] jum mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata. ***Id-data tar-rikonoxximent mill-punt uniku ta' kuntatt ta' jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi għal dik l-applikazzjoni partikolari.***	6. Mhux aktar tard minn 15-il jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, jitlob lill-promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista', fi żmien [15-il] jum mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata.

Or. en

Emenda 188
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mhux aktar tard minn 15-il jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, jitlob lill-	6. Mhux aktar tard minn 15-il jum ***tax-xogħol*** minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-

promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista', fi żmien [15-il] jum mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata. Id-data tar-rikonoxximent mill-punt uniku ta' kuntatt ta' jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi għal dik l-applikazzjoni partikolari.

applikazzjoni, jitlob lill-promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista', fi żmien [15-il] jum ***tax-xogħol*** mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata. Id-data tar-rikonoxximent mill-punt uniku ta' kuntatt ta' jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi għal dik l-applikazzjoni partikolari.

Or. en

Emenda 189
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mhux aktar tard minn ***15-il*** jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, jitlob lill-promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista',	6. Mhux aktar tard minn ***45*** jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni tal-għoti tal-permessi, il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jirrikonoxxi li l-applikazzjoni hija kompluta u jekk dan ir-Regolament japplikax jew, jekk il-promotur tal-proġett ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, jitlob lill-promotur tal-proġett jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed, fejn jispeċifika liema informazzjoni tkun nieqsa. Jekk l-applikazzjoni sottomessa titqies li mhix kompluta għat-tieni darba, il-punt uniku ta' kuntatt jista',

fi żmien [***15-il***] jum mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata. Id-data tar-rikonoxximent mill-punt uniku ta' kuntatt ta' jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi għal dik l-applikazzjoni partikolari.	fi żmien [***45***] jum mit-tieni sottomissjoni, jagħmel it-tieni talba għal informazzjoni. Il-punt uniku ta' kuntatt ma għandux jitlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni u għandu jkun intitolat biss jitlob aktar evidenza biex jimla l-informazzjoni nieqsa identifikata. Id-data tar-rikonoxximent mill-punt uniku ta' kuntatt ta' jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi għal dik l-applikazzjoni partikolari.

Or. en

Emenda 190
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-limitu ta' żmien applikabbli għall-proċess tal-għoti tal-permessi rapidu għal dik l-applikazzjoni għandu jibda mid-data tar-rikonoxximent tal-kompletezza tal-applikazzjoni, inkluż, meta meħtieġ, il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, mill-punt uniku ta' kuntatt.

Or. en

Emenda 191
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-limitu ta' żmien applikabbli għall-proċess tal-għoti tal-permessi għall-applikazzjoni għandu jibda mid-data tar-rikonoxximent tal-kompletezza tal-

	applikazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali approvata formalment, mill-punt uniku ta' kuntatt.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Referenza espliċita għall-VI ambjentali għal aktar ċarezza.

Emenda 192
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan l-Artikolu għal kwalunkwe wieħed mill-proċessi tal-għoti tal-permessi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitu taż-żmien iqsar stabbilit mill-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 193
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Fid-dawl tal-importanza strateġika tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-għoti tal-permessi tal-kostruzzjoni u ambjentali għal proġetti tal-prontezza tad-difiża bħala kwistjoni ta' interess pubbliku prevalenti u prijorità tas-sigurtà nazzjonali. Tali proċeduri għandhom jitwettqu f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli,

	inklużi r-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tas-sikurezza.

Or. en

Emenda 194
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 195
György Hölvényi, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt	***imħassar***

għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.

Or. en

Emenda 196
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 197
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-	***imħassar***

applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.

Or. en

Emenda 198
Aurelijus Veryga, Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 199
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-	8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-

paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti ***minnufih*** konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.	paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti***, fi żmien 10 ijiem,*** konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett***, jew fiżikament jew online***, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tingħalaq it-tieqa ta' ambigwità wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 60 jum.

Emenda 200
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Anna Stürgkh

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.	8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 u 4, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw***, sakemm mhux ipprojbiti mid-dritt nazzjonali***. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.

Or. en

Emenda 201
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3 ***u 4***, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.	8. Meta l-punt uniku ta' kuntatt ma jinfurmax lill-promotur tal-proġett dwar l-eżitu tal-proċess tal-għoti tal-permessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 ***jew 2*** u estiż, fejn applikabbli, f'konformità mal-paragrafu 3, il-permessi koperti mill-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ngħataw. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jagħti minnufih konferma bil-miktub lill-promotur tal-proġett, li tindika li l-permessi ngħataw b'mod impliċitu abbażi tal-applikazzjoni sottomessa.

Or. en

Emenda 202
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Meta Stat Membru jiddeċiedi li japplika d-Direttiva 2011/92/UE għal proġett tal-prontezza tad-difiża, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali msemmija fl-Artikolu 1(2)(g) ta' dik id-Direttiva ma għandhiex tiġi inkluża fid-durata tal-proċess tal-għoti tal-permessi msemmi fil-paragrafi 1, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 203
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Anna Stürgkh, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Meta permess għal proġett tal-prontezza tad-difiża jingħata impliċitament, tali approvazzjoni ma għandhiex teżenta lill-promotur ta' proġett jew lill-awtorità kompetenti mill-konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli, inkluż dwar il-protezzjoni ambjentali, u s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 204
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-approvazzjoni taċita ta' proġett tal-prontezza tad-difiża ma għandux jidderoga lill-promotur ta' proġett mill-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli;

Or. en

Emenda 205
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-għoti tal-permessi għandu jintervjeni mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit soċjali jew ambjentali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 206
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat għandu jinnotifika lill-promotur ta' proġett meta tkun tapplika l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali msemmija fl-Artikolu 1(2)(g) tad-Direttiva 2011/92/UE u għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-ambitu u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 207
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-permess mogħti impliċitament, dment li tali sospensjoni tkun debitament iġġustifikata. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jwassal ġustifikazzjoni bil-miktub lill-promotur ta' proġett mingħajr dewmien. Tali sospensjoni ma għandhiex taqbeż 60 jum tax-xogħol.

Or. en

Emenda 208
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-proċessi tal-għoti tal-permessi ma għandhom qatt jiġu soġġetti għar-regola tas-"skiet ifisser approvazzjoni", peress li din tikkompromettі r-rekwiżiti għal valutazzjonijiet bir-reqqa u l-iskrutinju pubbliku.

Or. en

Emenda 209
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. Meta l-obbligu li jiġu vvalutati l-effetti fuq l-ambjent jitqajjem fl-istess waqt fi kwalunkwe tnejn jew aktar minn dawn: id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2001/42/KE), id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, id-Direttiva 2011/92/UE, id-Direttiva 2012/18/UE, id-Direttiva 2014/89/UE jew id-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Mebri jistgħu jipprevedu proċeduri kkoordinati u/jew konġunti.

Or. en

Emenda 210

Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Anna Stürgkh, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. Informazzjoni dwar permessi mogħtija impliċitament għandhom isiru disponibbli pubblikament, mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva rilevanti għas-sigurtà nazzjonali u r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 211
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 3.	1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa. ***Meta titqies l-inklużjoni ta' tali dispożizzjonijiet, għandha tingħata prijorità lill-uċuħ artifiċjali u mibnija, lis-siti industrijali u lis-siti abbandunati.*** Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 212
Nikola Minchev, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa. ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 3.***	1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-divulgazzjoni pubblika ta' data tal-ippjanar spazjali tista' tpoġġi s-sigurtà nazzjonali f'riskju meta tali proġetti huma ta' importanza strateġika.

Emenda 213
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, ***kif ukoll*** l-infrastruttura meħtieġa.	1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, ***u*** l-infrastruttura meħtieġa***. Dawk l-***

Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 3.	***awtoritajiet għandhom jipprevedu wkoll proċedura rapida biex jagħtu skop ġdid lill-art għal dak l-iskop***. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 214
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, ***kif ukoll*** l-infrastruttura meħtieġa. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 3.	1. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet, inkluż it-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet tal-użu tal-art, għandhom jinkludu f'tali pjanijiet, meta xieraq, dispożizzjonijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża, ***u*** l-infrastruttura meħtieġa ***tagħhom***. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 215
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri tal-ippjanar iqisu wkoll kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà, inkluża l-protezzjoni kontra theddid ċibernetiku u ibridu li jkollu fil-mira infrastruttura tad-difiża kritika.

Or. en

Emenda 216
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-pjanijiet jinkludu dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, u l-infrastruttura meħtieġa tagħhom, u jkunu soġġetti għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] u skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[12], dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiġu kkombinati. Fejn applikabbli, il-valutazzjoni kkombinata għandha tindirizza wkoll l-impatt fuq il-korpi tal-ilma potenzjalment affettwati msemmija fid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. Meta jkun rilevanti, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jivvalutaw l-impatti tal-attivitajiet eżistenti u futuri fuq l-ambjent tal-baħar, inkluż l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], u dawk l-impatti għandhom ikunu koperti wkoll fil-valutazzjoni kkombinata. ***Il-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati skont dan il-paragrafu ma għandux jaffettwa l-kontenut jew il-kwalità tagħhom.*** Il-valutazzjoni kkombinata għandha titwettaq fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament.	2. Meta l-pjanijiet jinkludu dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, u l-infrastruttura meħtieġa tagħhom, u jkunu soġġetti għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] u skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[12], dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiġu kkombinati. Fejn applikabbli, il-valutazzjoni kkombinata għandha tindirizza wkoll l-impatt fuq il-korpi tal-ilma potenzjalment affettwati msemmija fid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. Meta jkun rilevanti, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jivvalutaw l-impatti tal-attivitajiet eżistenti u futuri fuq l-ambjent tal-baħar, inkluż l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], u dawk l-impatti għandhom ikunu koperti wkoll fil-valutazzjoni kkombinata. Il-valutazzjoni kkombinata għandha titwettaq fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament.

[11] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/42/oj).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

[13] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj).

[14] Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/89/oj).

[11] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/42/oj).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

[13] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj).

[14] Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/89/oj).

Or. en

Emenda 217
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-valutazzjonijiet ambjentali nazzjonali jew il-proċessi tal-għoti tal-permessi applikabbli għal proġetti tal-prontezza tad-difiża, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 6(2), għandhom jitwettqu fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċessi ambjentali nazzjonali tagħhom jagħtu prijorità lill-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża, u jagħtu

eżenzjonijiet meta possibbli.

Or. en

Emenda 218
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jikkomplementaw l-ippjanar bin-network TEN-T u l-investimenti fl-infrastruttura b'użu doppju, sabiex tiġi żgurata sinerġija sħiħa bejn il-mobbiltà ċivili u militari. F'din il-perspettiva, l-assi Mediterranju għandu jissaħħaħ bħala żona strateġika għall-prontezza tad-difiża Ewropea.

Or. it

Emenda 219
Kristian Vigenin, Idoia Mendia, José Cepeda, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta proġett tal-prontezza tad-difiża ma jkunx kopert mill-pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 1, kwalunkwe valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, inkluż, meta applikabbli, valutazzjonijiet fil-livell tal-proġett, għandha titlesta u titqies qabel id-deċiżjoni finali dwar il-permess.

Or. en

Emenda 220
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Applikazzjoni għal derogi għall-prontezza tad-difiża
	1. Meta l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni tipprevedi derogi għal raġunijiet ta' interess pubbliku prevalenti, sikurezza jew kriżi pubblika, prontezza tad-difiża, inklużi investimenti tad-difiża industrijali u governattivi, din għandha tiġi kkunsidrata fl-ambitu ta' dawn ir-raġunijiet. Kwalunkwe miżura kumpensatorja jew ta' mitigazzjoni meħtieġa għandha tiżgura l-objettivi tal-leġiżlazzjoni rilevanti u tkun meħtieġa u proporzjonata.
	2. Għall-iskop tal-bini tal-kapaċitajiet tad-difiża u l-iżgurar tal-prontezza tad-difiża, l-awtorità kompetenti tista' tapplika kwalunkwe deroga, eżenzjoni jew proċedura aċċellerata relatata mat-tqegħid fis-suq ta' prodott, fejn hija tikkunsidra dan iġġustifikat minn ħtieġa tad-difiża identifikata. Tali miżuri għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati, jintużaw esklużivament għal skopijiet tad-difiża, jinkludu kontrolli proporzjonati ta' wara t-tqegħid fis-suq, u għandhom jiġu mmaniġġjati bi prijorità permezz tal-punt uniku ta' kuntatt.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minbarra l-komunikazzjoni tal-omnibus dwar id-difiża tal-Kummissjoni, huwa meħtieġ li tiġi kkodifikata l-interpretazzjoni proposta tad-derogi rilevanti u tiġi estiża għal leġiżlazzjoni li tkopri prodotti b'użu doppju u servizzi relatati. Dan se jiżgura applikazzjonijiet konsistenti fl-Istati Membri kollha u jippermetti miżuri ġġustifikati tal-prontezza tad-difiża.

Emenda 221
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u r-rekwiżiti tas-sigurtà nazzjonali tagħhom, siti jew attivitajiet speċifiċi bħala Siti u Attivitajiet Strateġiċi ta' Prontezza tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem "Siti Strateġiċi"). Id-deżinjazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni. Il-proġetti li jikkonċernaw tali Siti Strateġiċi għandhom jitqiesu bħala prijoritajiet għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-proċeduri u tal-iskadenzi stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 2 jipprovdi assistenza ddedikata lill-promoturi tal-proġetti ta' Siti Strateġiċi u jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-SMEs u operaturi oħra f'dawk is-siti.

Or. it

Emenda 222
Marc Botenga, Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Status ta' prijorità tal-proġetti tal-prontezza tad-difiża	
Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti	

amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza.

Or. en

Emenda 223
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza.	Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiggarantixxu li l-proċeduri***

ġudizzjarji u amministrattivi aċċellerati mhux se jikkompromettu d-dritt għal rimedju effettiv, filwaqt li jiżguraw li każijiet li jinvolvu frodi jew użu ħażin ta' fondi pubbliċi jingħataw prijorità u jiġu indirizzati minnufih.

Or. en

Emenda 224
Vasile Dîncu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza.	Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza. ***Trattament urġenti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandu jkun ibbilanċjat bid-drittijiet tal-komunitajiet lokali u individwi għal rimedji legali effettivi, li jiżgura li l-aċċelerazzjoni ġudizzjarja ma tikkompromettix drittijiet fundamentali jew l-aċċess għall-ġustizzja.***

Or. en

Emenda 225
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza.	Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. ***Dawn għandhom jingħataw status ta' prijorità u jiġu ttrattati bl-aktar mezzi rapidi disponibbli fil-livell nazzjonali bl-użu ta', pereżempju, proċeduri ta' istanza waħda, l-ebda effett sospensiv ta' appelli u dati ta' skadenza għal ċerti passi proċedurali.*** Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza.

Or. en

Emenda 226
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti	Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-proċedimenti

amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza.	amministrattivi kollha relatati mal-proġetti tal-prontezza tad-difiża quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, korp jew bord nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali dwar il-proċessi rilevanti tal-għoti tal-permessi jipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Fejn applikabbli, il-promoturi tal-proġetti ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jipparteċipaw f'tali proċeduri ta' urġenza. ***Proġetti li jinvolvu assi tal-produzzjoni tad-difiża ewlenin u kooperazzjoni industrijali tad-difiża strateġika għandhom jiġu soġġetti għall-ogħla livell ta' urġenza u protezzjoni legali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti tal-ogħla urġenza u protezzjoni legali għal proġetti li jinvolvu assi ta' produzzjoni tad-difiża ewlenin u kooperazzjoni industrijali tad-difiża strateġika jiżgura li inizjattivi tad-difiża kritiċi ma jiġux ostakolati minn dewmien proċedurali. Dan huwa essenzjali biex tinżamm il-prontezza operazzjonali u d-deterrenza strateġika.

Emenda 227
Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jagħtu prijorità strateġika lil proġetti ta' difiża li t-twettiq u l-iżvilupp tagħhom iseħħu prinċipalment fit-territorju tagħhom u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża nazzjonali, fl-ambitu tal-objettivi komuni tal-Istati Membri tal-Unjoni u l-awtonomija strateġika Ewropea.

Or. es

Emenda 228
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex tiġi żgurata l-effettività, il-proċeduri urġenti għandhom ikunu akkumpanjati minn mekkaniżmu ta' koordinament fil-livell tal-UE li jiffaċilita s-soluzzjoni malajr ta' tilwim relatat ma' proġetti transfruntiera, filwaqt li jiġu evitati allinjamenti ħżiena bejn is-sistemi legali nazzjonali.

Or. it

Emenda 229
Michał Dworczyk, Piotr Müller, Kosma Złotowski, Reinis Pozņaks

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Investimenti ta' akkumpanjament
	L-istatus ta' prijorità previst fl-Artikolu 7 għandu japplika wkoll għal investimenti ta' akkumpanjament li huma essenzjali għall-implimentazzjoni ta' proġetti tal-prontezza tad-difiża jew għaż-żieda tal-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża.
	Tali investimenti ta' akkumpanjament jistgħu jinkludu, inter alia, il-kostruzzjoni, l-immodernizzar jew it-tiġdid tal-infrastruttura tal-enerġija, tal-gass, tal-ilma u tad-dranaġġ, tal-fibrottika jew tat-trasport li direttament jippermettu jew jappoġġaw proġetti tal-prontezza tad-

difiża.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali investimenti ta' akkumpanjament jibbenefikaw minn trattament amministrattiv ikkoordinat u mħaffef taħt l-istess punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 2.

Or. en

Emenda 230
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Qafas tal-Proġetti Strateġiċi
	1. Proġetti li jinvolvu assi tal-produzzjoni tad-difiża ewlenin u kooperazzjoni industrijali tad-difiża strateġika għandhom jiġu kkunsidrati ta' interess Ewropew strateġiku.
	2. Tali proġetti għandhom jibbenefikaw minn:
	(a) għoti tal-permessi aċċellerat (massimu 30 jum),
	(b) approvazzjoni awtomatika f'każ ta' silenzju amministrattiv,
	(c) aċċess ta' prijorità għall-finanzjament tal-UE,
	(d) protezzjoni legali kontra litigazzjoni ostruttiva.
	3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena dwar l-implimentazzjoni u l-appoġġ ipprovdut għal tali proġetti.

Or. en

Emenda 231
Bart Groothuis, Jeannette Baljeu, Ivars Ijabs, Engin Eroglu, Morten Løkkegaard, Hilde Vautmans, Marjan Šarec, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Svenja Hahn, Petras Auštrevičius

Proposta għal regolament
Artikolu 7d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7d
	Emendi għad-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2000/60/KE, u d-Direttiva 2011/92/UE
	1. Meta d-dritt nazzjonali jipprevedi status tal-ogħla sinifikat nazzjonali, il-proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jingħataw dak l-istatus u l-proġetti tal-prontezza tad-difiża għandhom jiġu ttrattati kif xieraq fi proċeduri tal-għoti tal-permessi. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jintroduċi tali status.
	2. L-implimentazzjoni tal-Proġetti tal-Prontezza tad-Difiża jistgħu jitqiesu bħala raġuni imperattiva ta' Interess Pubbliku Prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1), il-punt (c) tad-Direttiva 92/43/KEE, u ta' Interess Pubbliku Prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, u ta' Interess Pubbliku Prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2011/92/UE. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà jew l-implimentazzjoni ta' liġi ambjentali oħra tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ttenni d-deroga eżistenti tal-Interess Pubbliku Prevalenti għad-Direttiva 92/43/KEE, ir-Regolament dwar il-Ħabitats, id-Direttiva 2000/60/KE, il-Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, li tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, fuq bażi ta' każ b'każ jekk ikun previst hekk skont id-dritt nazzjonali, li ma japplikawx din id-Direttiva għal proġetti li jaqdu skopijiet tad-difiża nazzjonali.

Emenda 232
Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju, fejn rilevanti, għall-obbligi skont il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE, United Nations Economic Commission for Europe) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, u skont il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991, u l-Protokoll tagħha dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, iffirmat f'Kiev fil-21 ta' Mejju 2003.	***Il-proġetti tad-difiża u tas-sigurtà kollha huma esklużi mill-obbligi*** skont il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE, United Nations Economic Commission for Europe) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, u skont il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991, u l-Protokoll tagħha dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, iffirmat f'Kiev fil-21 ta' Mejju 2003.

Or. en

Emenda 233
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Id-deċiżjonijiet kollha adottati skont dan ir-Regolament għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku b'mod li jinftiehem faċilment u d-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw l-istess proġett għandhom ikunu disponibbli fuq l-istess sit web.

Or. en

Emenda 234
Klara Dostalova, Jaroslava Pokorná Jermanová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Rapportar mill-Kummissjoni u Rieżami
	Sal-1 ta' Diċembru, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni ulterjuri tiegħu. Dan ir-rapport se jkun akkumpanjat, meta meħtieġ, minn proposti leġiżlattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ewwel premessa tal-abbozz ta' Regolament tistipula bħala r-raġuni għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, "theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa". Ir-Regolament jinterferixxi mad-dritt nazzjonali li jirregola l-permessi tal-bini, li hija kompetenza nazzjonali. Għalhekk huwa leġittimu li jiġu eżaminati r-raġunijiet li jwasslu għall-adozzjoni tiegħu u, jekk ma hemmx, li jiġi rrevokat ir-Regolament.

Emenda 235
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Rikonoxximent tal-kompetenzi tal-Istati Membri

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-funzjonijiet Statali essenzjali tal-Istati Membri, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat, iż-żamma tal-liġi u tal-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru.

Or. en

Emenda 236
Lucia Yar, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Monitoraġġ u rappurtar
	1. Għall-iskopijiet ta' trasparenza, monitoraġġ ex-post u kumparabbiltà fl-Unjoni kollha, kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni, kull sena, rapport statistiku dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi:
	(a) għadd totali ta' applikazzjonijiet għal permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża li jaslu;
	(b) għadd totali ta' permessi għal proċedura rapida mogħtija;
	(c) għadd totali ta' permessi għal proċedura rapida mogħtija taċitament, skont l-Artikolu 5(8);
	(d) għadd totali ta' permessi miċħuda;
	(e) durati tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi;
	(f) miżuri speċifiċi adottati biex jappoġġaw l-SMEs u l-mid-caps;
	2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-riżultati aggregati disponibbli

pubblikament u, meta xieraq, toħroġ gwida biex tippromwovi l-applikazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha.

3. Il-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni għandha tadotta mudell għas-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija hawn fuq.

4. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-prattiki tal-Istati Membri fir-rigward ta' approvazzjonijiet taċiti. F'każ ta' għadd għoli b'mod sproporzjonat ta' tali approvazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru kkonċernat u, meta xieraq, toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar kif itejjeb il-proċess tal-għoti tal-permessi biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament.

Or. en